# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 29 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 325/2023 ISB**

**Cathriona Sciberras (ID: 428986M)**

**Vs**

1. **Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal**
2. **l-Avukat tal-Istat u**
3. **Dominic Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Cathriona Sciberras** tal-14 ta' Ġunju 2023 u li permezz tiegħu, talbet lil din il-Qorti sabiex:

1) *Tiddikjara u tiddeciedi illi d-Digriet moghti mill-Qorti tal-Minorenni fil-24 ta' Jannar 2023 wara li rat biss x'kellu*

*x'ighid id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal fir-rikors tieghu tal-23 ta' Jannar 2023, u minghajr ma semghet lir-rikorrenti Cathriona Sciberras, jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u jikser il-principju tal-gustizzja naturali "audi alteram partem", kif ukoll nuqqas ta' parita` ta' armi (equality of arms).*

2) *Tiddikjara u tiddeciedi illi, in kwantu d-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti l-jedd lill-Qorti tal-Minorenni li tordna li l-minuri jittiehed mill-kura u kustodja tal-omm, jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija, id-dispozizzjonijiet tal-ligi li gew invokati mid-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal fir-rikors tieghu jiksru l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

3) *Tiddikjara u tiddeciedi illi, in kwantu d-Digriet tal-24 ta' Jannar 2023 inghata, allegatament a bazi tad-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, minghajr ma nstema' l-minuri Kayne, kemm id-Digriet kif ukoll id-dispozizzjonijiet invokati mid-Direttorat jilledu d-dritt fundamentali tal-minuri kif garantit mill-Artikolu 24 tac-Charter of Fundamental Rights u d-drittijiet tieghu skont il-Convention on the Rights of the Child, anke jekk ommu bhalissa m'ghandhiex il-kura u kustodja ta' binha Kayne.*

4) *Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq lir-rikorrenti.*

U dan wara illi ppremettiet:

***<u>Nuqqas ta' smigh xieraq</u>***

1. *Illi r-rikorrenti kellha l-kura u kustodja ta' binha Kayne sal-25 ta' Jannar 2023.*
2. *Illi fl-23 ta' Jannar 2023 id-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal ipprezenta rikors (Dok. "A") quddiem il-Qorti tal-Minorenni.*

3. *Illi fil-24 ta' Jannar 2023 inhareg id-Digriet anness u markat Dok. "B" mill-Qorti tal-Minorenni.*

4. *Illi fil-25 ta' Jannar 2023, it-tifel Kayne gie mehud mill-Iskola Primarja tal-Qrendi ad insaputa ta' ommu, ir-rikorrenti, u dan bl-assistenza tal-marixxalli u l-pulizija.*

5. *Illi dawk il-proceduri jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Minorenni presjeduta mill-Magistrat Dr Abigail Critien.* ***Izda r-rikors kostituzzjonali odjern ma jirrigwardax il-meritu ta' dawk il-proceduri. Il-meritu ser jigi ezaminat f'<u>dawk</u> il-proceduri u mhux f'dawn. Il-proceduri kostituzzjonali odjerni jirrigwardaw biss il-procedura.*** *Ghalhekk m'ghandhomx jigu ammessi provi fuq il-meritu.*

6. *Illi l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem jimponi l-obbligu fuq kull Qorti li tisma' liz-zewg nahat qabel ma tiddeciedi.*

7. *Illi l-Qorti tal-Minorenni ddecidiet bla ma semghet lir-rikorrenti, bi ksur palezi tal-principju 'audi alteram partem'.*

8. *Illi l-Konvenzjoni Ewropeja tirrikjedi li jkun hemm 'smigh' sakemm il-partijiet ma jirrinunzjawx ghal dan id-dritt fundamentali (**Le Compte, van Leuven and De Meyers v. Belgium**).*

9. *Illi c-Charter of Fundamental Rights jirrikjedi li l-minuri jistema. L-Artikolu 5(2)(b) tal-Kap 602 tal-Ligijiet ta' Malta tirrikjedi li d-Direttur "jaccerta ruhu dwar il-fehmiet u x-xewqat tal-minuri f'riskju", liema obbligazzjoni giet injorata anke mill-Qorti tal-Minorenni.*

10. *Illi l-Qorti tal-Minorenni f'ebda hin ma sejhet lit-tifel biex tisimghu qabel ma hadet l-iktar mizura drastika li setghet tiehu, u naqset li tottempera ruhha ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 17(1) u (5) tal-Kap 602.*

11. *M'hemm xejn li jista' jiggustifika li ma jkunx hemm smigh tal-parti li tkun ser tigi milquta. M'hemm xejn li jista' jiggustifika t-tehid ta' decizjoni bhal dik, jigiferi, li Qorti*

*tordna t-tehid tal-kura u kustodja lil omm ta' binha minuri, minghajr ma l-Qorti tisma' qabel ma "taqta".*

12. *Kif intqal fis-sentenza* ***General Medical Council v. Spackman****, ikkwotata fis-sentenza* ***Patrick Calleja vs. Dr Tonio Azzopardi nomine et****:*

    *"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."*

13. *Il-kura ta' binha hija certament, ghal kull omm, decizjoni mill-aktar importanti, u l-omm hija dik il-parti li l-Konvenzjoni Ewropeja kienet qed timmira li tipprotegi permezz tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.*

14. *Hekk biss jista' cittadin privat jinghata s-sahha mil-legislatur biex jinfed il-velu jew purtiera burokratika.*

15. *L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja jipprovdi hekk:*

    *"Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f' soċjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja."*

16. *Illi skont l-Artikolu 18(5) tal-Kap 602 provvedimenti provizorji dwar ir-residenza, kura u kustodja u aspetti relattivi ghall-minuri m'ghandhomx jinghataw qabel is-seduta (hlief f'emergenza) izda kellhom jinghataw fl-ewwel seduta. Dan hu mahsub biex tinghata l-*

*opportunita` li jkun hemm dibattiment u li jinstemghu l-ġenituri.*

17. *Illi stante li r-rikors li sar mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal huwa msejjes fuq akkuza ta' 'parental alienation', ir-rikorrenti kellha tigi prezunta innocenti ta' 'parental alienation' mill-Qorti tal-Minorenni sakemm ma jigix ippruvat il-kuntrarju. Barra minn hekk, 'parental alienation' lanqas biss hija mnizzla fil-Kap 602 bhala reat kriminali. Skont l-Artikolu 9(5), "hsara sinjifikanti" tinkludi abbuz, negligenza, fastidju, trattament hazin, sfruttament, abbandun, esposizzjoni, traffikar, biza ta' vjolenza … Izda, minkejja dan in-nuqqas, il-fatt li l-Qorti tal-Minorenni harget id-Digriet Dok. "B" l-ghada stess li gie pprezentat, minghajr ebda smigh u bla rispett ghall-principju dwar 'audi alteram partem', ifisser illi r-rikorrenti diga` qed tigi prezunta hatja ta' 'parental alienation' u ta' dak kollu li ntqal kontra taghha fir-rikors tad-Direttorat. Dan jammonta ghal vjolazzjoni separata tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja.*

18. *Illi l-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta kien intiz biex jintuza fil-konfront ta' dawk il-genituri li ma jkunux kapaci jiehdu hsieb ta' uliedhom. Ir-rikorrenti hija Senior Audit Manager ma' entita` tal-Gvern u xogholha jinkludi li tfittex ghal frodi, korruzzjoni u irregolaritajiet in konnessjoni mal-ghoti ta' Fondi mill-Unjoni Ewropeja.*

19. *Il-Kapitolu 602 jikkontempla diversi forom ta' Ordnijiet. Fir-rikors tieghu tal-23 ta' Jannar 2023 id-Direttorat talab lill-Qorti tal-Minorenni tappunta r-rikors ghas-smigh. Izda l-Qorti tal-Minorenni tat id-Digriet qabel jew minghajr ma kienet ghadha appuntat ir-rikors ghas-smigh. Issa pero` id-Direttorat qed isostni illi l-artikolu 18(3) tal-Kapitolu 602 jippermetti lill-Qorti tal-Minorenni tilqa' t-talbiet minghajr ma tisma' lill-omm u/jew lill-minuri. Id-Direttorat qed isostni illi l-Qorti tal-Minorenni ghandha s-setgha li, minghajr ebda smigh, tilqa' "b'mod provizorju" t-talba*

*tieghu u tappunta r-rikors ghas-smigh fi zmien ghaxart ijiem. Izda, minn Jannar sa Gunju ma jistax jissejjah zmien ragonevoli ghax l-omm ghadha ma nghatat l-ebda opportunita` biex tigi mismugha mill-Qorti tal-Minorenni li ordnat it-tehid tat-tifel taghha. Anzi, ghall-kuntrarju, meta l-omm talbet biex tipprezenta rapport imhejji minn Dr Nigel Camilleri, Child Psychiatrist, il-Qorti tal-Minorenni ordnat li dan jigi sfilzat! Ghalhekk, hemm nuqqas ta' parita tal-armi bejn id-Direttorat u r-rikorrenti. Dan huwa ksur iehor tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.*

20. *Illi skont l-Artikolu 19(2) tal-Kap 602:*

*"Qabel ma tghaddi ghad-decizjoni taghha l-Qorti ghandha tikkunsidra, sekemm ikun possibbli:*
*(a) il-fehmiet tal-minuri, meta jitqies li għandu fehim biżżejjed;*
*(b) il-fehmiet tal-ġenitur jew ġenituri tal-minuri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ;*
*(c) ….*
*(d) il-kapaċità tal-ġenituri li jħarsu l-benesseri u liżvilupp armonjuż tal-minuri;*
*(e) in-natura u l-kwalità tar-rabta bejn il-minuri u lfamilja tiegħu;*

*(f) il-hsara li giet imgarrba, li qieghed igarrab jew li tista' tigi mgarrba mill-minuri;*
*(g) …*
*(h) il-grad ta' vulnerabbiltà tal-minuri;*
*(i) …*
*(j) ir-relazzjonijiet tal-minuri ma' ħutu."*

*Dawn kollha gew injorati mill-Qorti tal-Minorenni peress illi, apparti li l-kontenut tar-rikors ma gie mahluf minn hadd, il-Qorti tal-Minorenni ma semghet l-ebda provi izda ddegretatu kameralment minghajr diskussjoni u bla tharis tad-drittijiet tal-kontradittorju.*

21. *Illi l-Artikolu 20 tal-Kap 602 jittratta Ordni ta' Emergenza u jghid illi "id-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal jista', bl-ghajnuna tal-Pulizija Ezekuttiva, minnufih jipprocedi bit-tnehhija tal-minuri minn dak il-post li fih tkun qieghda ssir dik il-hsara sinjifikanti" … "u dan minghajr ebda htiega ta' xi forma ta' awtorizzazzjoni." IZDA mhux aktar tard minn 48 siegha, "id-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal ghandu jipprezenta rikors quddiem il-Magistrat tal-ghassa sabiex provvizorjament jikkonvalida jew jirrevoka t-tnehhija tal-minuri kif hemm imsemmi;" Fil-kaz odjern, id-Direttur ma talabx Ordni ta' Emergenza izda talab Ordni ta' Supervizjoni. Wara li jkun sar dan, "l-atti tal-process ghandhom minnufih jintbaghtu lill-Qorti sabiex tkompli bil-prosegwiment tal-kaz." Skont is-subinciz (7), "Il-Qorti tista' tordna lid-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal jaghmel dawk l-investigazzjonijiet necessarji <u>sabiex tigi stabbilita liema azzjoni ghandha tittiehed biex jigi salvagwardat il-benesseri tal-minuri."</u> IZDA, fil-kaz odjern, sar proprju l-kuntrarju. Minflok ma l-ewwel gie evalwat "liema azzjoni ghandha tittiehed biex jigi salvagwardat il-benesseri tal-minuri", l-ewwel ittiehed il-minuri mill-Iskola fejn jattendi, fuq ordni tad-Direttorat skont id-Digriet fuq imsemmi, u bl-assistenza tal-Pulizija - xenata li damet sejra madwar saghtejn, bit-tifel jibki u joghxa b'qalbu maqsuma - u sallum l-omm ghadha qatt ma nstemghet.*

***<u>Impunjazzjoni tal-Artikoli tal-Kap 602</u>***

22. *Illi in kwantu qed jinghad illi l-ligi nfisha tippermetti, jekk tassew il-ligi qed tippermetti dak li qed jallega d-Direttorat, illi jinghata d-Digriet li gie moghti fil-24 ta' Jannar 2023 minghajr ma tinstema' l-omm u minghajr ebda opportunita` li jingiebu provi fir-rigward tal-mizura li l-omm tkun qed tigi mhedda biha, jigifieri Ordni ta' Supervizjoni li jkun jikkomprendi t-tehid ta' tifel lil omm li ghandha l-kura u kustodja tat-tifel, allura r-rikorrenti qed tikkontendi illi l-*

*ligi stess ghandha tigi dikjarata anti-kostituzzjonali u li tmur kontra l-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan, minbarra l-iter li wassal ghad-Digriet tal-24 ta' Jannar 2023 u l-proceduri kif tmexxew mill-Qorti tal-Minorenni, li ghandhom jigu dikjarati wkoll nulli u inattendibbli. Din il-ligi, cioe` l-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, tikser id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

23. *Illi d-Direttorat qed jikkontendi illi l-omm "kellha u ghad ghandha kull cans tirribatti kull allegazzjoni li giet ritenuta minn dan id-Direttorat stante li l-proceduri ghadhom sub judice". Hija kontradizzjoni illi l-Qorti tal-Minorenni laqghet it-talbiet dedotti "<u>provizorjament</u>" izda <u>wara kwazi hames xhur</u> id-Digriet sar de facto permanenti, u illi l-omm ma nstemghetx, <u>u ma tistax tinstema' ghalissa</u>, izda, billi l-proceduri ghadhom sub judice, l-omm "kellha u ghad ghandha cans tirribatti kull allegazzjoni li giet ritenuta minn dan id-Direttorat". Meta? Meta binha jkollu hmistax-il sena? Minn Jannar 2023 sa Gunju 2023, ghadhom instemghu erba' xhieda, cioe` Steve Libreri, l-Ispettur Sylvana Gafa`, Dr Veronica Ellul Federici u Rebecca Bajada. Is-seduta li jmiss ser tinzamm xahrejn u nofs wara l-ahhar seduta, jigifieri, is-seduta tad-19 ta' Mejju 2023 giet differita ghat-28 ta' Lulju 2023, u ser terga' tkun biex jinstemghu x-xhieda ta' Appogg.*

24. *Illi d-digriet moghti fis-17 ta' Mejju 2023 (Dok. C) irrepeta l-argument illi "l-istess Digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta tal-24[1] ta' Jannar 2023 hu Digriet in linea u skont id-dettami tal-Kap. 602 tal-Ligijiet ta' Malta". Ghalkemm it-tehid tal-kura u kustodja tat-tifel lill-omm sehh malli nghata d-Digriet tal-24 ta' Jannar 2023, skont id-Digriet kollox ghandu jistenna "sakemm jinstemghu l-provi". Barra minn hekk, cahdet it-talba sussidjarja ghal Riferenza Kostituzzjonali ghax "il-kawza*

[1] Recte: 25 ta' Jannar 2023 mhux 24 ta' Jannar 2023.

*odjerna ser titwal inutilment u dan certament mhux fl-ahjar interess tal-minuri", u b'hekk injorat l-obbligu li l-Kostituzzjoni timponi fuqha fl-Artikolu 46 biex tirreferi kull kwistjoni kostituzzjonali lill-qorti kompetenti biex tigi determinata minnha.*

*25. Illi r-rikorrenti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tiehu kont ukoll tas-sentenza moghtija mill-Grand Chamber tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz MICALLEF v. MALTA fejn gie ritenut illi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja japplika wkoll ghal 'injunction proceedings' jew 'interlocutory injunctions' u mhux biss ghal kawzi civili jew proceduri kriminali. Dan ifisser illi l-procedura mibdija fl-23 ta' Jannar 2023 quddiem il-Qorti tal-Minorenni kienet tgawdi l-protezzjoni ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja, izda l-Qorti tal-Minorenni agixxiet kif hasset minghajr ma segwiet il-htigijiet procedurali garantiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja bhallikieku dawk ma kienux japplikaw ghaliha.*

*26. Illi jekk ir-rikorrenti ghandha ragun f'dawn il-proceduri, ikun il-fatt li d-Digriet inhareg bi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq li jkun wassal ghal ksur tal-jeddijiet tar-rikorrenti, u mhux il-meritu, li ghalissa jibqa' impregudikat.*

Rat id-dokumenti ppreżentati mar-rikors promotur (fol 10 sa fol 17).

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Ġunju 2023 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-14 ta' Lulju 2023 fid-9:30 a.m.

Rat ir-**risposta** tad-**Direttur u d-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali** intavolata fis-7 ta' Lulju 2023 (fol 22) li permezz tagħha ġie eċċepit:

***Illi in linea preliminari, id-Direttur u d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal ma jista qatt ikun il-legittimu kontradittur ghat-talbiet rikorrenti u dan in vista tal-fatt li hu mexa skont id-dispozizzjonijiet tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta appoziti lilu u ghalhekk ma jistax jwiegeb jew jitqies***

***responsabbli ghat-talbiet hekk kif dedotti mill-istess rikorrenti hekk kif ha jigi spjegat f' din l-umli risposta u muri matul il-mori u trattazzjoni tal-kawza odjerna u ghalhekk, ghadhom jigu mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;***

*Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet li qeghdin jigu stipulati minghajr pregudizzju ghal xulxin;*

*Introduzzjoni*

*Illi dan id-Direttorat esponent umilment jirrileva illi kien ilu jsegwi lill-minuri Kayne Sciberras, iben Cathriona Sciberras u Dominic Sciberras mill-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019) wara rapport minn Pedjatra Dr Kevin Borg li ghamel vista fuq il-minuri wara allegazzjoni li l-minuri gie abbuzzat sesswalment minn missieru waqt hin l-access, liema rapport ġie investigat minn dan id-Direttorat esponent, kif jirrikjedi l- Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Illi dwar ir-rapport minn Pedjatra Dr Kevin Borg surreferit, infethet inkjesta magisterjali li rrizulta fin-negattiv, fejn l-evidenza li ngabret tul l-inkjesta minn professjonisti kkonfermaw li ma kien hemm l-ebda tip ta' abbuz sesswali;*

*Illi dan id-Direttorat baqa jsegwi l-minuri u r-relazzjoni bejn l-istess minuri ma' ommu u missieru sal-prezent sforz ta' thassib fuq il-hsara u abbuz li kien qed igarrab il-minuri sforz tal-parental alienation li gie ipperpetrat mill-omm rikorrenti fuq il-minuri Kayne;*

*Illi dan id-Direttorat kien kawt u ghamel l-investigazzjonijiet mehtiega sabiex jaccerta t-thassib rigward il-parental alienation kien minnu, liema investigazzjoni sar fuq tul ta' kwazi erba (4) snin u ghalhekk, certament, diversi fatturi u thassib gew ikkonfermati;*

*Illi huwa ben maghruf illi parental alienation huwa maghruf mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem bhala forma t' abbuz hekk kif gie rikonoxxut li:*

*"Parental Alienation was acknowledged as a form of child abuse which required necessary treatment to protect the children from harm. In many cases they should be removed from the care of the parent who is the cause of harm[2]."*

*Illi in linea mas-suespost, tfal li jkunu esposti ghal parental alienation, qed ibatu minn forma ta' abbuz u jigu esposti ghal impatti negattivi fil-psikologija tat-tfal liema impatt jista jkun long-term li sussegwentement jaffetwa l-futur tal-minuri fis-sahha psikologika taghha specifikament fis-self esteem tal-minuri, relazzjonijiet li l-minuri jkollha ma individwi ohra , nuqqas ta' fiducja fl-umanita, dipendenza fuq sustanza u anka emozzjijiet ta' htija;*

*Illi ghalhekk isegwi li parental alienation huwa kkonfermat bhala forma t'* ***abbuz*** *u jsegwi li ghalhekk l-azzjoni li ttiehdet mid-Direttorat esponenti saret in konformita mal-Artikolu 9(5) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi minkejja li l-omm rikorrenti ghandha pozizzjoni ta' Senior Audit Manager, ma tistax tippermetti lill-istess rikorrenti li*

---

[2] **CASE OF I.S. AND OTHERS v. MALTA** *(Application no. 9410/20)* decizjoni mghotija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem nhar il-18 March 2021

*tinnega jew tiggustifika tali abbuz permezz tal-pozizzjoni taghha. Kura ta' kwalunkwe minuri ma jfissirx biss li taghti ikel, sodda u saqaf fuq ras minuri izda kull genitur u/jew kuratur ghandu jiehu hsieb il-psike u s-sahha emozzjonali ta' minuri li certament, fil-kaz de quo, minkejja l-pozizzjoni ta' Senior Audit Manager li r-rikorrenti ghandha, fl-umli opinjoni tad-Direttorat esponent, il-kura emozzjonali necessarja tal-minuri kienet qed tigi abbuzata, liema abbuz ghandu jieqaf minnufih;*

*Illi l-abbuz tal-parental alienation ghandu impatt u konsegwenzi irrimedjabli fil-konfront ta' psike tal-minuri fejn dan id-Direttorat esponent kellu jiehu azzjoni kif hu obbligat li jaghmel ai termini tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, specifikament Artikolu 10 li jistipula li meta d-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal jiddeciedi li l-minuri hu fil-bzonn ta' harsien u protezzjoni, id-Direttur ghall-Harsien tat-Tfal ghandu jiehu kull mizura mehtiega sabiex jipprotegi lil dak il-minuri kif jidhirlu hija xierqa li jista jinkludi li jitlob lill-Qorti taghmel ordni xierqa ghall-protezzjoni tal-minuri u/jew jidentifika kura alternattiva inkluz jekk il-minuri jistax jitqieghed ma' qraba tal-familja sakemm dan ma jkunx ragonevolment car li dan ikun kontra l-ahjar interessi tal-minuri;*

1. *<u>L-allegazzjoni rigward in-nuqqas ta' smigh xieraq</u>*

*Illi meta d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal jaghmel talba ghall-ordni xierqa ghall-protezzjoni tal-minuri permezz ta' rikors intavolat fil-Qorti tal-Minorenni, ai termini tal-Artikolu 18(3) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha taghti kull provvediment* ***provizorju*** *dwar ir-rikors imsemmi;*

*Illi ghalhekk, fil-kaz de quo il-Qorti tal-Minorenni permezz ta' digriet mghoti nhar il- 24 ta' Jannar, 2023 laqghet* ***provizorjament*** *it-talbiet numerati wiehed (1) sa sitta (6) u appuntat ir-rikors ghas-smiegh nhar il-1 ta' Frar, 2023 fil-*

*08:30 u cioe, fi limiti ta' ghaxar t'ijiem imposti fl-artikolu 18(4) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Illi fid-digriet surreferit, il-Qorti tal-Minorenni irriservat li tipprovdi ulterjoralment fir-rigward tas-seba (7) talba maghmulha mid-Direttorat esponent proprju ghall-fatt li trid tisma kull provi, kemm mid-Direttorat esponent u kemm mill-intimata hawn rikorrenti, qabel ma taghti decizjoni li tilqa r-rakkomandazzjoni tad-Direttorat esponent u tordna l-hrug tal-ordni ta' supervizjoni;*

*Illi ghalhekk, isegwi illi ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem, stante ghal fatt illi l-Qorti tal-Minorenni laqghet it-talbiet wiehed (1) sa sitta (6)* ***<u>b'mod provizorju</u>*** *fejn qieghda prezentement tisma l-provi taz-zewg nahat qabel ma tghaddi ghad-decizjoni rigward is-seba (7) talba hekk kif dedott minn dan id-Direttorat esponent u taghti sentenza finali;*

*Illi jigi ritenut illi il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal jistabillixi fl-Artikolu 7 illi minuri ghandhom dritt li jigu kkurati mill-genituri taghhom u ghandhom jitpoggew f'harsien alternattiv bhala mizura temporanja jew permanenti jekk dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri ai termini tal-Artikolu 20 tal-istess konvenzjoni fejn harsien Alternattiv hu meqjus bhala mizura protettiva li jizgura "**a child's interim safety**";*

*Illi huwa kompletament inveritier illi l-qorti tal-Minorenni "ddecidiet bla ma semghet lir-rikorrenti bi ksur palezi tal-principju audi alteram partem" ghas-semplici fatt illi l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni ma tat l-ebda decizjoni finali u ghadha qed tisma l-provi, fejn ir-rikorrenti ser ikollha kull cans tirribatti it-talbiet ta' dan id-Direttorat esponent f'konformita mal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi kif diga gie ritenut, l-Qorti tal-Minorenni ghandha s-setgha ai termini tal-Artikolu 18(3) li tilqa* ***provizorjament*** *it-talbiet mid-Direttorat esponent u tghaddi sabiex tappuntah ghas-smiegh. Wiehed ghandu japprezza li dawn huma proceduri civili, u ghalhekk l-Qorti tal-Minorenni ghandha tinghata c-cans li tisma il-provi kollha li wassal ghad-decizjoni tad-Direttorat esponent biex jintavola dawn il-proceduri odjerni u bla dubbju ser jinghata cans lil intimata omm hawn rikorrenti sabiex tirribatti dak kollu li qieghed jigi ritenut minn dan id-Direttorat jekk hi thoss li ghandha taghmel dan;*

*Illi huwa ta'natura ta' procedura civili li jinstemghu l-ewwel il-provi rikorrenti, u wara l-provi intimati u huwa proprju ghalhekk li l-Qorti tal-Minorenni sfilzat ir-rapport intavolat intempistivament mill-intimata, hawn rikorrenti stante ghall-fatt li prezentement, qeghdin fl-istadju tal-provi tad-Direttorat esponent hawn intimat u certament mhux sforz ta' parita ta' armi jew ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kif qed tipprova tilmenta r-rikorrenti;*

*Illi ghalhekk ma jistghax jinghad illi l-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta mhux gusta mal-applikazzjoni ta' rule of law u ma thaddinx il-principju ta' audi alteram partem u lanqas jista jinghad illi hemm biza ta' ksur tal-principju audi alteram partem stante li l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni prezentement qed tisma l-evidenza migbura mill-esponent u wara li tkun semghet l-evidenza kollha favur it-talbiet tal-esponenti, tghaddi sabiex tisma l-provi tal-intimata hawn rikorrenti li ghandha c-cans tirribatti t-talbiet dedotti mid-Direttorat esponent;*

*Illi jigi rilevat ghal kull buon fini, dan id-Direttorat esponent, harrek erba (4) xhieda sabiex jixhdu fit-tieni seduta appuntata quddiem l-Qorti tal-Minorenni preseduta minn Onor. Magistrat*

*Dr Lara Lanfranco liema xhieda nstemghu izda sforz tal-fatt li ghal xi svista teknika mill-Qrati tal-Gustizzja, x-xhieda ma gietx rekordjata u ghalhekk fis-seduta ta'wara, kellhom jergghu jinstemghu l-istess xhieda quddiem Onor. Magistrat Dr Abigail Critien, liema xhieda giet rekordjata. Jinghad illi fis-seduta ffisata nhar il-17 ta' Lulju, 2023, il-Qorti tal-Minorenni ser tisma kull xhieda li dan id-Direttorat esponenti ghandu, kif tidher l-anness ingunzjoni hawn annessa u mmarkata "DOK A". Din l-Onorabbli Qorti certament tapprezza li in vista tal-fatt li dan id-Direttorat esponent ilu jinvestiga dan il-kaz ghal 4 snin, kull evidenza ta' kwazi kull xhieda tiehu l-hin taghha. Nonstante dan, sabiex tali proceduri jkomplu ghaddejjin u sabiex l-intimata, hawn rikorrenti tista tirribatti t-talbiet esponenti, kwalunkwe xhieda ohra min-naha tad-Direttorat ser jinstemghu kollha mill-Qorti tal-Minorenni nhar il-17 ta' Lulju, 2023;*

*Illi b'hekk ir-rikors li gie intavolat mill-intimata omm hu intempestiv u prematur stante li l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni qieghda fil-process li tisma kwalunkwe provi fir-rigward tat-talbiet rikorrenti u tghaddi sabiex tiehu decizjoni taghha jekk l-ordni li nghata provizorjament, ghandu jibqa fis-sehh u tghaddi ghas-sentenza finali ghall-hrug tal-ordni ta' supervizjoni;*

2. *<u>Rigward l-allegazzjonijiet li ma kienx hemm smigh tal-fehmiet tal-minuri</u>*

*Illi r-rikorrenti isostni li skont ic-Charter of Fundamental Rights u l-Artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi li l-minuri jinstema fejn l-istess rikorrenti qed ssostni li din giet injorata mill-Qorti tal-Minorenni;*

*Illi tali dikjarazzjoni saret bl-ghan principali li tisvijja lil din l-Onorabbli Qorti ghall-fatt illi fl-ewwel seduta appuntata nhar*

*il-1 ta' Frar, 2023, l-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut, mahtura mill-Qorti tal-Minorenni sabiex tipprovdi spjegazzjoni, tipprovdi kull informazzjoni lill-minuri, tassisti u* ***tipprezenta*** *l-fehmit tal-minuri quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni, spejgat il-fehmiet u x-xewqat tal-minuri wara vista li ghamlet lill-minuri granet wara l-hrug tad-digriet mghoti nhar il- 24 ta' Jannar, 2023;*

*Illi d-dritt li minuri jinstema, ai termini tal-Artikolu 21 tal-Brussels Iia Regulation (recast) tfal minuri huma kapaci li jiffurmaw fehmiet taghhom u ghandhom id-dritt li jipprovdu l-opportunita li jaghtu l-fehmiet tagghom b'mod dirett jew permezz ta'* ***rapprezentant;***

*Illi fil-kaz de quo il-fehmiet tal-minuri nstemghu mill-ewwel permezz tal-Avukat tat-Tfal Dr Tanya Sammut li hi mahtura sabiex tipprezenta l-fehmiet tal-minuri u dan inkonformita mal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta u anka sahansitra l-Artikolu 21 tal-Brussels Iia Regulation (recast) u kif ukoll l-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (Charter of Fundamental Rights);*

*Illi l-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kaz Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz* [3] *gie allegat illi t-tnehhija tal-minuri ma kinitx gusta ghall-fatt illi l-minuri ma nsetmax. Il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet illi d-dritt li minuri jistema mhuwiex dritt assolut u huwa biss jekk il-Qorti tiddeciedi li huwa necessarju li l-minuri jinstema, jinghata opportunita taht kundizzjonijiet opportuni sabiex jigi accertat li l-minuri qieghed jaghti l-fehmiet tieghu liberalment wara li jittiehdu c-cirkostanzi tal-kaz u ghalhekk il- Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea sostniet li* ***ma kienx hemm ksur*** *tad-drittijiet u kkonfermat it-tnehhija tal-minuri;*

[3] Case C-491/10 PPU mghotija mill-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea nhar il-7 ta' Dicembru, 2010

*Illi oltre mill-fatt li fehmiet il-minuri gew mismugha mill-Qorti tal-Minorenni permezz tal-Avukat tat-Tfal nhar il-1 ta' Frar, 2023, l-Artikolu 17(1) tal-Kapitolu 602 isostni li l-Qorti tal-Minorenni jekk tqis li l-minuri jkollu fehim bizzejjed,* ***qabel ma tiehu decizjoni*** *il-Qorti ghandha tiehu konsiderazzjoni tax-xewqat u l-fehmit tal-minuri, kif ukoll ic-cirkostanzi kollha. Illi ghalhekk huwa wkoll invertier illi li l-Qorti tal-Minorenni ma ttomperatx ruhha ma' tali provvediment ghal fatt illi ma ttiehed l-ebda decizjoni finali fejn ghad hemm ic-cans li jinstema l-minuri jekk jitqis li jkun fl-ahjar interessi tieghu u ghalhekk tali allegazzjoni hi intempestiva ghajr inveritiera;*

3. *<u>Rigward id-differenza bejn ordni ta' emergenza jew ordni ta'harsien iehor ai termini tal-Artikolu 19 tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta</u>*

*Illi in linea ma' dak ritenut, dan id-Direttorat esponent hass il-htiega li tinhareg ordni ta' harsien, li fl-umli decizjoni tieghu, hass li ordni ta' supervizjoni hi l-iktar ordni li ser jissalvagwardja l-interessi u benessere tal-minuri fejn provizorjament il-minuri jirrisjedi mal-missier Domenic Sciberras. Kif diga gie stipulat dan id-Direttorat esponenti ilu jsegwi lil minuri mis-sena elfejn u dsatax (2019) u cioe erba (4) snin u ghalhekk l-investigazzjoni fuq is-sitwazzjoni prekarja tal-minuri kien diga skatta qabel l-intavolar tar-rikors quddiem il-Qorti tal-Minorenni. Dan id-Direttorat certament kien kawt fl-azzjoni li ha u dan ghaliex kien ghaqli li jigbor l-informazzjoni kollha, jiehu kull zvilupp in konsiderazzjoni, jiehu nota tal-prijoritajiet u l-bzonnijiet tal-minuri u kkonferma ma' diversi professjonisti rigward l-abbuz serju li kien qieghed isofri l-minuri;*

*Illi sussegwentement, fuq bazi tal-istess investigazzjoni li beda fis-sena elfejn u dsatax (2019) dan id-Direttorat hass li jkun fl-ahjar interess tal-minuri li jinhareg ordni ta'*

*supervizzjoni. Isegwi ghalhekk li dan id-Direttorat ma kellux il-htiega li jipprocedi b'ordni t'emergenza ai termini tal-artikolu 20 et seq tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta kif qieghed jigi suggerit mir-rikorrenti omm ghal fatt li dan id-Direttorat ma kellux il-htiega li jiskatta l-investigazzjoni fuq informazzjoni gdida rigward minuri ghal massimu ta' tletin gurnata ai termini tal-artikolu 20(9) ghal fatt li diga ghamel l-investigazzjoni mehtiega li wassal ghall-azzjoni li l-Qorti tal-Minorenni qieghda prezentement qed tippresjedi;*

***Illi l-artikolu 18(3) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta tippermetti lil Qorti tal-Minorenni tilqa t-talbiet tad-Direttorat esponent b'mod provizorju ghal kull ordni msemmija fl-artikolu 19 tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta (<u>li tinkludi dik tal-ordni ta' supervizzjoni)</u> u tappunta r-rikors ta' smiegh fi zmien ghaxar t'ijiem ai termini tal-artikolu 18(4) tal-istess Att**:*

*"18(3) Il-Qorti **<u>għandha tagħti kull provvediment proviżorju dwar ir-rikors</u>** imsemmi fi żmien peremptorju, liema żmien ma għandu qatt jeċċedi dak ta' tmienja u erbgħin siegħa u għandha tordna n-notifika tar-rikors lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, li jkollhom sad-data tal-ewwel seduta sabiex jippreżentaw risposta.*

*18(4) Meta tirċievi ir-rikors skont dan l-artikolu l-Qorti għandha tinnomina Avukat tat-Tfal u għandha mbagħad **<u>tappunta r-rikors għas-smigħ fi żmien għaxart ijiem utili</u>** u tordna n-notifika immedjata tad-data tas-smigħ lid-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal, lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, lill-Avukat tat-Tfal nominat minnhau, jekk applikabbli, lit-tutur u, jew kuratur"*

*Illi jinghad, li l-ordni ta' emergenza tintuza meta d-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal, minghajr digriet jew*

*awtorizazzjoni, jiddeciedi hu ghat-tnehhija tal-minuri u huwa obbligat li f'terminu ta' tmienja u erbghin (48) siegha, jintavola rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati biex* ***tikkonvalida*** *t-tnehhija. Illi fil-kaz de quo, oltre ghar-ragunijiet diga ritenuti, ha l-azzjoni li jintavola applikazzjoni ghall-ordni ta' supervizjoni li biex jiehu azzjoni provizorjament, kien hemm il-htiega ta'awtorizazzjoni u digriet b'ordni provizorja mahruga mill-Qorti tal-Minorenni, liema procedura giet segwita;*

4. *<u>Rigward l-Impunjazzjoni tal-Artikoli tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta</u>*

*Illi in primis l-Istat ghandu obbligu li jipprovvdi l-awtoritijiet mekkanizmu ghall-protezzjoni ta' persuni specjalment minuri kontra negligenza u abbuz li jammonta ghal trattament inuman. Illi gie ritenut f'decizjoni mghotija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*[4] *li jekk l-Istat ma jipprovdix mekkanizmu kontra negligenza u abbuz huwa ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Illi gie ikkonfermat li tali mizura u mekkanizmu trid tippovdi protezzjoni li tkun* ***effettiva, b'mod partikolari ghall-minuri*** *u persuni vulnerabbli li jikludu stadji raggonevoli li jipprevjenu abbuz li awtorijitajiet kellu ikollu gharfien jew kellu gharfien*[5] *dwar;*

*Illi r-rikorrenti fil-mument li intavolat l-azzjoni kostituzzjonali ma tikkwalifikax u ma tistax titqies bhala "vittma" ai termini tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Kostituzzjoni ta' Malta u dan stante li fl-azzjoni odjerna r-rikorrenti qieghda tilmenta li diga soffriet ksur tad-dritt ghal smigh xieraq naxxenti mill-hrug ta' ordni provizjorja li saret ghall-protezzjoni tal-minuri Kayne Sciberras ai termini tal-Artikolu 18(3) tal-Kapitolu 601 tal-Ligijiet ta' Malta;*

[4] **Z and Others v United Kingdom (Application No 29392/95)**
[5] Osman v UK (Case No 87/1997/871/1083)

***<u>Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jecepixxu n-nuqqas tal-applikabbillita tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni stante li bil-hrug ta' ordni provivizjorja u temporanja, ma gie determinat l-ebda obbligu jew dritt civili;</u>***

*Illi proceduri li jipprovdu mizura provizjorja, ma jigux ikkunsidrati bhalha decisivi fuq drittijiet civili u obbligazzjonijiet u ghalhekk ma jaqawx taht il-protezzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni[6];*

*Illi l-esponenti jirrileva li ma sar xejn matul il-procedura li biha nharget l-ordni provizorja u termporanja li b'xi mod seta jincidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust;*

*Illi dan id-Direttorat esponent jirrileva li waqt il-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Minorenni u wara l-hrug tad-digriet provizorju mghoti nhar il-24 ta' Jannar, 2023, wara li skatta z-zmien hekk imsemmi, ir-rikorrenti omm qed ikollha access regolari mal-minuri;*

*Illi l-esponenti jissottomettu li l-procedura stipulata fil-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi attakata mir-rikorrenti mhijix imtappna bl-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal smigh xieraq. Illi fih innifsu, il-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, jipprovdi ghall-mekkanizmu partikolari sabiex d-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal jista jitlob li tinhareg ordni provizzorja u temporanja liema talba tigi assenjata lill-Magistrat, bl-ebda mod ma jissarraf fi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq;*

[6] Markass Car Hire vs Cyprus – 51591/22

*Illi l-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta jahseb ghall-mekkanizmu accellerat sabiex tinhareg protezzjoni temporanja u dan sabiex jigi protett u salvagwardjat il-minuri in kwistjoni kontra abbuz u negligenza in konformita mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;*

*Illi wiehed irid izomm car f'mohhu li meta l-Magistrat Dr Lara Lanfranco harget l-ordnijiet provizorjament, fl-ebda waqt ma ppronunzjat htija tal-ebda persuna izda dak li ghamlet kien biss li accertat ruhha li r-rekwiziti imposti fil-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta gew sodisfatti;*

***Illi per konsegwentza l-allegazzjoni ta' lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq maghmulha mir-rikorrenti ma tregix u dan stante li l-Magistrat Dr Lara Lanfranco harget mizura provizzorja sabiex tikkawtela l-protezzjoni u sigurta tal-minuri f'kuntest ta' abbuz perpetrat mir-rikorrenti;***

*Illi l-iskop wara ordni provvizjorja huwa sabiex jissalvagwardja sigurta tal-minuri, liema ordni l-Qorti tal-Minorenni tohrogha wara li tkun sofisfatta li hemm ragunijiet sufficjenti ghall-hrug ta' tali ordni, liema ordni hija ta' natura urgenti altrimenti tigi stultifikata l-protezzjoni mitluba;*

*Illi tali ordnijiet la jintalbu u lanqas jinhargu b' mod kappriccjuz u dan stante li dawn l-ordnijiet jintalbu mid-Direttur tad-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal wara li ssir valutazzjoni flimkien ma' professjonisti filwaqt li l-Qorti tal-Minorenni tohrog tali ordni provizorja wara li taccerta ruhha li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex tali ordni tinhareg u in vista tas-suespost, ma hemm l-ebda lezjoni;*

*Illi l-fatt li r-rikorrenti ma jaqbilx mal-ordni provizorja mahruga mill-Qorti tal-Minorenni, liema ordni inharget ghall-protezzjoni assoluta tal-minuri Kayne Sciberras, ma jissarrafx f'lezjoni tad-dritt ta' smiegh xieraq kif stipulat fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas ma jillidi d-drittijiet skont il-principju tal-gustizzja naturali audi alteram partem kif ukoll tal-parita tal-armi (equality of arms) kif tittenta u tallega r-rikorrenti;*

*Illi fid-decizjoni mghotija mill- Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz K and T. V. Finland*[7] *il-Qorti sostniet illi sforz tal-urgenza tas-sittwazzjoni mhux dejjem possibli u lanqas huwa mixtieq li persuni li jkunu s-sorsi ta' theddid ghall-benessere tal-minuri jassocja fil-process tad-decizjoni ghat-tnehhija tal-istess minuri. Gie rilevat li:*

*"In particular, it was for Finland to establish that a careful assessment of the impact of the proposed care measure on the applicants and the children, as well as of the possible alternatives to taking the children into public care, had been carried out before implementing any care measures.*

*The Court found it reasonable for the authorities to believe that if K. had been forewarned of the authorities' intention to take either M. or the expected child J. away from her, there might have been dangerous consequences both for herself and her children."*

*Illi l-istess Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-istess kaz surreferit, kompliet sabiex taccetta illi l-awtoritajiet rispettivi ghandhom ikollhom mezzanizmu u mizuri li jintuza ghall-protezzjoni li minuri jitnehha minn ma'genitur jekk tkun qed issir hsara irrimedjabli. L-istess qorti accettat illi hemm il-htiega ta' awtorizzazzjoni sabiex din issir minnufih u sostniet li:*

[7] Numru tal-Applikazzjoni 25702/94 mghotija nhar il-12 ta' Lulju, 2001

*"The Court must however be satisfied that in the present case the national authorities were entitled to consider that in relation to both J. and M. there existed circumstances justifying the abrupt removal of the children from the care of the applicants without any prior contact or consultation. In particular, it is for the respondent State to establish that a careful assessment of the impact of the proposed care measure on the applicants and the children, as well as of the possible alternatives to taking the children into public care, was carried out prior to the implementation of such a measure."*

*Illi ghalhekk, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jaghti "a wide margin of appreciation" ghad-decizjonijiet mghotija minn Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal u l-Awtortijitajiet sabiex ikun hemm separazzjoni tal-genituri u minuri temporanju*[8] *fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem taccetta li l-benessere ta' minuri jiggustifika azzjonijiet u mizuri specjali fejn bilanc gust bejn l-interessi tal-minuri u l-genituri ghandu jinstab izda tali bilanc m'ghandu qatt jipperikula l-benessere tal-minuri;*

*Illi fil-kaz deciz f' Mejju, 2003, fl-ismijiet Covezzi and Morselli vs Italy*[9] *fir-rigward ta' nuqqas ta' smiegh qabel decizjoni ghat-tnehhija tal-minuri mill-kura tal-genitur, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sostniet illi ma kienx hemm vjolazzjoni ta' dritt ta' smiegh xieraq stante li l-awtoritajiet ma hadux azzjoni disporporzjonata stante illi kien hemm kunsiderazzjonijiet validi fejn kien hemm il-htiega assoluta li l-minuri jigu protetti minn pressjoni li qeghdin jaffacjaw fl-ambjent li fih kienu qed jghixu;*

*Illi jidher b'mod l-izjed car, li r-rikorrenti qed issabbat saqajha, tpoggi l-interessi taghha bhalha prijorita minflok thares lejn l-interessi tal-minuri  u tuza metodologija li tintavola diversi*

[8] L v. Finland
[9] Covezzi and Morselli v Italy – 52763/99

*rikorsi quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni (fejn diga gie intavolat rikors simili nhar il-6 ta' Frar, 2023), fil-Qorti tal-Familja, u qabel l-intavolar tal-proceduri odjerni, fil-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza Kostituzzjonali fejn ir-rikorrenti cediet il-kawza (numerata 27/2023 ceduta nhar il-3 ta' Frar, 2023) minflok tuza l-procedura appozita lilha fil-kamp tal-Qorti tal-Minorenni u fil-mument opportun, tirribatti t-talbiet ta' dan id-Direttorat esponent;*

*Illi ghaldaqstant, it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur ghandhom jigu michuda kollha bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat ir-**risposta** tal**-Avukat tal-Istat** intavolata fl-10 ta' Lulju 2023 (fol 37) li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, in kwantu l-ilmenti tar-rikorrenti huma msejjsa fil-konfront tal-aġir u t-talba tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, l-esponent jeċepixxi li ai termini tal-* ***artikolu 181B tal-Kapitolu 12*** *tal-Liġijiet ta' Malta, ma huwiex il-leġittimu kontradittur;*
2. *Illi in linea preliminari ukoll, il-kawża odjerna hija improponibbli in kwantu qiegħda tiġi allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-minuri u dan peress li skond dak li jirriżulta mir-rikors promotur, ir-rikorrenti ma għandhiex il-kura u kustodja tal-minuri, il-kawża odjerna ġiet intavolata mir-rikorrenti f'isimha proprju u mhux f'isem il-minuri u f'kull każ ma saritx talba sabiex ir-rikorrenti tkun il-kuratriċi tal-minuri. Għaldaqstant it-tielet (3) talba u kull talba li tirrigwarda d-drittijiet fundamentali tal-minuri għandhom jiġu miċħuda;*
3. *Illi bla ħsara għas-suespost u wkoll preliminarjament, ir-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji mogħtija lilha bil-*

*liġi, din l-Onorabbli Qorti għandha għalhekk tiddeklina milli tistħarreġ ulterjorament l-ilmenti mressqa. Dan a tenur tal-proviso tal-Artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

4. *Illi in linea preliminari, in kwantu l-proċeduri in kwistjoni għadhom pendenti, l-esponent jeċċepixxi formalment l-intempestività ta' din l-azzjoni u dan in kwantu l-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fuq allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq. L-esponenti jirrileva illi sabiex ikun jista' jiġi determinat jekk ir-rikorrenti ġarrbietx ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha protetti b'dan l-artikolu, irid jiġi eżaminat il-proċess kollu fit-totalità tiegħu. Illum dak il-proċess għadu qiegħed jiżvolġi u huwa għalhekk impossibbli li jsir l-eżerċizzju ta' eżami sħiħ tiegħu kif tirrikjedi lanjanza ta' allegat ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq;*

5. *Illi fil-mertu, l-esponent jeċepixxi illi l-ilmenti u t-talbiet imressqa mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda;*

6. *Illi bla ħsara għall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti jinsab magħmul abbażi tal-**Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali** u **tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, jingħad illi sabiex id-dritt ta' smigħ xieraq jiġi ddikjarat li ġie lez, huwa xieraq li l-proċeduri jridu jiġu kkunsidrati **b'mod sħiħ**. Kull każ irid jiġi kkunsidrat fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku; u kull każ għandu jiġi studjat skond il-fattispeċji tiegħu. Illi l-Qrati mogħnija b'setgħa kostituzzjonali u konvenzjonali ma għandhomx jiġu mibdula f'Qrati tat-tielet jew raba' istanza iżda dawn il-Qrati huma mogħtija s-setgħa li, f'każ ta' ilment dwar ksur tad-dritt fundamentali tal-persuna għal smigħ xieraq quddiem Qorti indipendenti u imparzjali, tistħarreg l-imġieba ta' kull Qorti oħra, imqar jekk tkun waħda ġerarkikament ogħla minnha. Din is-setgħa wiesgħa hija limitata fis-sens li l-Qrati ta' ġurisdizzjoni kostituzzjonali*

*ma għandhomx iqisu jekk il-Qrati mixlija bi ksur ta' jedd ta' smigħ xieraq ikommettewx żball ta' liġi jew ta' fatt fid-deċiżjonijiet tagħhom. Hija setgħa limitata biex tara jekk ġewx leżi o meno d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti kif protetti mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali;*

7. *Illi bla ħsara għall-premess, in kwantu qiegħed jiġi allegat li digriet tal-Qorti tal-Minorreni mogħti fil-24 ta' Jannar, 2023 jikser d-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrenti garantiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponent iwieġeb li din hija infondata. Il-Qorti tal-Minorreni għandha l-jedd li tieħu miżuri proviżorji u għalhekk kawtelatorji biex jiġu salvagwardjati l-minuri. Ir-rikorrenti ser ikollha kull opportunità li tressaq il-provi tagħha u għalhekk kif ikkunsidrat l-Onorabbli Qorti tal-Minorreni fid-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju, 2023, il-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dawk is-setgħet kollha lil Qorti tal-Minorenni biex tieħu l-provvedimenti neċessarji fl-aħjar interessi tal-minuri u sabiex l-istess minuri ma jkunux esposti għal xi forma ta' ħsara ta' kwalunkwe forma, anke jekk dan isir b'mod preventiv, dejjem fl-aħjar interessi tal-minuri. Id-digriet in kwistjoni huwa* ***digriet pendente lite*** *u* ***proviżorju*** *li jista' jiġi varjat tul il-mori tal-proċeduri. Għalhekk il-Qorti tal-Minorenni ma tatx deċiżjoni finali. Filfatt jirriżulta li l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni tal-24 ta' Jannar, 2023 ma laqgħetx it-talbiet kollha tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali u dan sakemm tisma' l-provi u għalhekk biex kull parti jkollha l-opportunità li tressaq u tagħmel il-każ tagħha. Ir-rikorrenti ser ikollha kull opportunità li tressaq il-provi tagħha u tirribatti t-talbiet imressqa mid-Direttorat. Għaldaqstant id-digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti tal-Minorreni datat l-24 ta' Jannar 2023 ma jilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

8. *Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qegħdin jiġu attakati d-disposiżżjonijiet tal-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-rikorrenti għandha fl-ewwel lok tiddikjara kjarament liema disposiżżjonijiet tal-liġi qiegħda tallega li jilledulha d-drittijiet fundamentali tagħha. L-esponent għalhekk qiegħed jirriżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ, u jiddikjara minn issa li d-disposiżżjonijiet tal-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta ma jilledux id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, jirrispettaw il-prinċipju tal-partità tal-armi u d-dritt fundamentali għal smigħ xieraq;*

9. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li r-rikorrenti qiegħda tilmenta dwar l-Artikolu 19(1)(b) tal-Kapitolu 602 invokat mid-Direttorat, l-esponent jispjega li meta l-Qorti toħroġ Ordni ta' Superviżjoni li tqiegħed minuri taħt superviżjoni, timponi kundizzjonijiet li tqis xierqa inkluż l-allokazzjoni tar-responsabbilta' tal-ġenitur. Għalhekk il-Qorti tal-Minorreni tagħti dawk l-ordnijiet li tqis xieqa fl-aħjar interess tal-minuri. Dan ma jistax jitqies bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

10. *Illi bla ħsara għas-suespost, a tenur tal-Artikolu 18(3) tal-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti għandha tagħti kull provvediment proviżorju dwar ir-rikors imsemmi fi żmien perentorju, liema żmien ma għandu qatt jeċċedi dak ta' tmienja u erbgħin siegħa u għandha tordna n-notifika tar-rikors lill-ġenitur jew ġenituri skont iċ-ċirkostanzi tal-każ, li jkollhom sad-data tal-ewwel seduta sabiex jippreżentaw risposta. Għalhekk jirriżulta li filwaqt li l-Onorabbli Qorti għandha mhux aktar tard minn 48 siegħa sabiex tagħti ordni prioviżorja li tħoss xieraq, tali rikors għandu jġi notifikat lil-ġenitur. Għalhekk jirriżulta li kemm il-liġi u anke d-digriet in kwistjoni jirrispettaw il-prinċipju tal-audi alteram partem. Dan id-digriet huwa wieħed kawtelatorju, li jista' jiġi varjat jew revokat. B'żieda ma' dan, id-deċiżjoni finali tal-Onorabbli Qorti tal-Minorenni tista' tiġi appellata quddiem l-Onorabbli Qorti*

*tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) a tenur tal-Artikolu 66 tal-Kapitol 602 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*11. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħda tiġi allegata nuqqas ta' parita tal-armi bejn id-Direttorat u r-rikorrenti, l-esponenti iwieġeb li din hija manifestament infondata. Il-Qorti tal-Minorreni ordnat l-isfilż ta' rapport peress li dan ġie preżentat meta ma kienx l-istadju tal-provi ta' Cathriona Sciberras. Ir-rikorrenti ser ikollha kull opportunità li tressaq il-provi kollha li hija tqis xierqa;*

*12. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment li l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni permezz tad-digriet mogħti fis-17 ta' Mejju, 2023 ċaħdet it-talba għal referenza Kostituzzjonali, l-esponent iwieġeb li ma huwiex il-każ li l-Onorabbli Qorti injorat l-obbligu li l-Kostituzzjoni fl-Artikolu 46 timponi fuqha sabiex tirreferi kull kwistjoni kostituzzjonali lil Qorti kompetenti biex tiġi determinata minnha. L-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-kwistjoni tiġi riferita lil Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) jekk il-kwistjoni ma tkunx frivola jew vessatorja. F'dan il-każ, l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni ċaħdet it-talbiet ta' Cathriona Sciberras, tat ir-raġunijiet tagħha u spjegat ukoll li jekk tiġi milqugħa t-talba għal referenza Kostituzzjonali, il-kawża titwal inutilment u dan mhux fl-aħjar interessi tal-minuri. Għalhekk id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Minorenni tas-17 ta' Mejju, 2023 ma jilledix id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;*

*13. Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu l-ilment li l-minuri ma nstemax, jirriżulta li d-Direttorat talab ukoll li jiġi appuntat Avukat tat-Tfal sabiex tassisti u tippreżenta l-fehmiet tal-minuri. Filfatt fid-digriet datat l-24 ta' Jannar, 2023, il-Qorti tal-Minorreni appuntat lil Dr Tanya Sammut bħala l-Avukat tal-Minorreni u dan bil-funzjonijiet u obbligi kollha mogħtija mill-Artikolu 25 tal-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta. Jekk ir-rikorrenti trid tfisser li l-minuri ma ġiex mismugħ direttament mill-Qorti, hija l-Qorti tal-Minorrenti li*

*għandha tevalwa ċ-ċirkostanzi tal-każ u tiddeċiedi jekk, kif u meta għandu jinstema l-minuri;*

14. *Illi bla ħsara għas-suespost, lanqas huwa l-każ li s-smiegħ ma huwiex isir fi żmien raġonevoli. Jirriżulta li l-proċeduri in kwistjoni huma differiti għas-17 ta' Lulju 2023 biex jinstemgħu l-provi kollha tad-Direttorat. Jirriżulta ukoll li diġa tressqu numru ta' sostanzjali ta' provi;*

15. *Illi bla ħsara għas-suespost, in kwantu qiegħed jiġi allegat li d-digriet tal-24 ta' Jannar, 2023 u d-disposiżżjonijiet invokati mid-Direttorat jilledu d-dritt fundamentali tal-minuri kif garantiti mill-Artikolu 24 tac-Charter of Fundamental Rights u d-drittijiet tiegħu skond il-Convention on the Rights of the Child, l-esponenti jeċepixxi li din il-Konvenzjoni u l-Karta ma jistgħux jiġu invokati quddiem Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali. Dan peress li a tenur tal-Aritkolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u 4(7) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, rikors Kostituzzjonali jista' jirrigwarda biss allegazzjoni ta' ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-Aritkolu 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni, filwaqt li l-Artikolu 4(1) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha ċara li rikors Kostituzzjonali jirrigwarda allegazzjoni li wieħed mid-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali jkun ġie, ikun qed jiġi jew li x'aktarx ser jiġi miksur. Fi kwalasisai każ ma hemm ebda ksur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ossia Charter of Fundamental Rights inkluż tal-Artikolu 24 tal-imsemmija Karta u lanqas tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, anzi l-miżuri li ttieħdu u l-ordnijiet li ngħatgħu kienu intiżu għas-salvagwarda tal-minuri;*

16. *Illi għalhekk jirriżulta li ma hemmx u ma seħħietx vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u lanqas tal-minuri.*

17. *Illi bla ħsara għall-premess, fl-aħħarnett, l-uniku rimedju mitlub mir-rikorrenti huwa l-ħlas ta' kumpens. L-esponent jissottometti illi jekk din l-Onorabbli Qorti ssib leżjoni tad-*

*drittijiet fundamentali tar-rikorrenti,* ***ma hemmx lok illi jiġi likwidat kumpens*** *iżda dikjarazzjoni tal-leżjoni għandha tkun suffiċjenti f'dan il-każ.*

*18. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2023, id-difensur tar-rikorrenti iddikjara li la darba l-kontenut tar-rikors promotur diġà ġuramentat, ir-rikorrenti ma kelliex iktar provi x'tipproduċi.

Rat ir-Risposta tal-intimat **Dominic Sciberras** intavolata fit-13 ta' Lulju 2023, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. *Ili preliminarjament, l-intimat Scibberras, ghalkemm ghandu kull nteress fdawn il-proceduri stante illi I-ezitu taghhom jinpingi direttament fuqu stante illi d-decizioni ta' din I-Onorabbli Qorti titratta direttament dwar ibnu minuri Kayne Scibberras; huwa pero ma jista qatt ikun meqjus bhala I-legittimu kontradittur ghat-talbiet rikorrenti, u ghalhekk ghandu jigi liberat minn I-osservanza tal-gudizziu, u dan in vista tal-fatt li hu ma kellu u ma ghandu I-ebda involvement fid-decizjonijiet mehuda minn linimat Direttur ghall-Harsien tat-Tfal, li jidher li mexa strettament skont id-dettami tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jidher ukoll li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati;*

2. *Illi fkull kaz I-intimat, u dan dejjem minghair pregudizzju ghas-suespost, ma jaqbilx illi r-rikorrenti Cathriona soffriet ksur tad-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok id-decizioni tal-Qorti hija wahda provvizoria u tista tinbidel, filfatt meta d-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal jaghmel talba ghall-ordni xierga ghall-protezzioni tal-minuri permezz ta' rikors intavolat fil-Qorti tal-Minorenni, ai termini tal-Artikolu 18(3) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha taghti kull provediment provizorju dwar ir-rikors imsemmi. Come di fatti, permezz tad-digriet moghti minn dik il-Qorti nhar il-24.01.21, Listess Qorti lagghet provizoriament it-*

*talbiet numerati wiehed (1) sa sitta (6) u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal Frar, u cioe fit-termini stabbilit lilha ghal dak I-iskop. Illi il-Konvenzioni tad-Drittijiet tat-Tial, ai termini tal-Artikolu 7 tistipola illi minuri ghandu dritt li jigu kkurat u ghandu jitpogga f'harsien alternattiv bhala mizura temporanja jew permanenti jekk dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri, fejn ai termini tal-Artikolu 20 tal-istess konvenzjoni I- harsien alternativ hu megjus bhala mizura protettiva li jizgura "a child's interim safety"; Illi filfatt ser ikun BISS WARA LI -L-QORTI TISMA L-PROVI KOLLHA, INKLUZ LIR-RIKORRENTI OMM LI SER TIDDECIEDI B'MOD DEFINITTIV! Konsegwentement ma huwa minnu xejn li I-Qorti decidiet bla ma semghet lir-rikorrenti. Jinghad ulterjorment illi r-rikors li gie intavolat mir-rikorrenti Cathriona Sciberras huwa intempestiv u prematur*
*stante li I-Onorabbli Qorti tal-Minorenni ghadha trid tisma I-provi qabel ma tghaddi sabiex tiehu decizioni finali.*

3. *Illi di piu, I-intimat Sciberras ukoll ghandu la ddepona u angas ghadu ressaq I-ebda prova;*

4. *Illi b'referenza ghai premessa maghmlula mir-rikorrenti fejn qed isostni illi I-minuri ma giex mismugh, jinghad illi fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Minorreni giet mahtura Dr. Tanya Sammut, avukat tat-tfal, propju bil-ghan illi tissalvagwardja d-drittijiet kollha tal-minuri Kayne;*

5. *ILLI FL-UMLI FEHMA TAL-INTIMAT SCIBERRAS, ghalhekk I-intimat Direttur mexa mad-dettami tal-ligi b'mod strett, FI KWALUNKWE KAZ, I-istess INTIMAT DIRETTUR AGIXXA L-INTERESS SUPREM TAL-MINURI, FEJN ID-DRITTIJIET TIEGHU GHANDHOM JIPPREVALU FUQ KWALUNKWE HAGA OHRA;*

6. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti omm Cathriona Scibberas, ghandhom fl-umli fehma tar-rikorrenti jigu dikjarati bhala*

*FRIVOLI, VESSATORJI u MINGHAJR EBDA BAZI LEGALI;*

Rat illi d-**Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal,** permezz ta' nota intavolata fil-11 ta' Awwissu 2023 (fol 47) ippreżenta kopja legali tal-proċeduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni u nforma lill-Qorti li l-istess proċeduri kienu għadhom pendenti (fol 48 sa fol 730).

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Settembru 2023, xehed **Steve Libreri**, prodott mill-intimat Direttur għall-Ħarsien tat-tfal. Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tal-intimat Direttur għall-Ħarsien tat-tfal li ma kellux aktar provi x'jipproduċi.

Rat in-nota tal-intimat Dominic Sciberras intavolata fid-9 ta' Novembru 2023 (fol 753) li permezz tagħha ddikjara li m'għandux provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2023, id-difensur tal-intimat Avukat tal-Istat iddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi salv li titlob illi tkun preżentata kopja legali tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Minorenni bin-numru 12/2023. Rat ukoll illi l-Qorti ordnat lid-Direttur intimat sabiex jippreżenta kopja legali tal-kumplament tal-istess process.

Rat illi d-**Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal** permezz ta' nota intavolata fil-21 ta' Novembru 2023 (fol 767) ippreżenta parti oħra mill-kopja legali tal-proċeduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni u nforma lill-Qorti li l-istess proċeduri kienu għadhom pendenti (fol 767 sa fol 1465).

Rat illi d-**Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal**, permezz ta' nota intavolata fit-12 ta' Jannar 2024 (fol 1475) ippreżenta parti oħra mill-kopja legali tal-proċeduri pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Minorenni u nforma lill-Qorti li l-istess proċeduri kienu għadhom pendenti (fol 1476 sa fol 1738).

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2023, wara li l-partijiet trattaw il-kawża, il-kawża tħalliet għal-lum għad-deċiżjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi r-rikorrenti ressqet l-azzjoni odjerna fejn talbet lil din il-Qorti tiddikjara li d-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Minorenni fil-24 ta' Jannar 2023 – u li permezz tiegħu ordnat li iben ir-rikorrenti minuri jittieħed mill-kustodja tagħha wara li rat biss x'kellu jgħid id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u mingħajr ma semgħet lilha - allura dan bi ksur tad-Dritt Fundamentali tas-Smigħ Xieraq garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Tgħid ukoll illi d-disposizzjoni tal-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħti l-jedd lill-Qorti tal-Minorenni li tordna li l-minuri jittieħed mill-kura u l-kustodja tal-omm li ġew invokati mid-Direttur intimat ukoll jiksru l-istess drittijiet fondamentali taghha.

Tikkontendi li d-digriet li ngħata fl-24 ta' Jannar 2023 allegatament a bażi tad-disposizzjonijiet tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta mingħajr ma nstema' l-minuri, jilledu d-dritt fundamental tal-minuri kif garantit mill-Artikolu 24 tac-*Charter of Fundamental Rights* u d-drittijiet tiegħu skont il-*Convention on the Rights of the Child*.

Fix-xhieda tiegħu, **Steve Libreri**, Direttur fid-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u kien id-direttur sedenti meta nħarġet l-ordni in kwistjoni, beda biex jispjega li d-direttorat ikkonċernat jinvestiga rapporti ta' abbuż fuq it-tfal u għandu l-inkarigu li meta jara li hemm riskji jew abbuż fuq it-tfal – allura d-Direttorat jressaq quddiem il-Qorti tal-Minorenni rakkomandazzjonijiet sabiex it-tfal ikunu jistgħu jiġu protetti u rimossi mill-ambjent abbusiv.

Jispjega li huma bdew isegwu l-każ *de quo* wara li kien hemm rapporti kemm mill-omm kif ukoll mill-pedjatra ġewwa l-isptar, li l-minuri, iben ir-rikorrenti u l-intimat Domenic Sciberras, kien qiegħed jiġi abbużat sesswalment waqt l-aċċess ta' missieru. Jgħid li dwar dan kien hemm tliet inkjesti maġisterjali, li huma bħala direttorat ingħataw l-aċċess għalihom la darba ġew konklużi. Jgħid li min-naħa tagħhom imbagħad jitqabbad *social worker* u jibda' jsegwi l-każ u jisma l-partijiet kollha inkluż ċertament il-minuri. Jispjega li huma ma jifqux hemm iżda jitkellmu wkoll ma' professjonisti oħra li jkunu jafu lill-minuri, kif ukoll ifittxu evidenza materjali. B'hekk huma ma jistrieħux biss fuq *disclosures* iżda ssir verifikazzjoni tal-istess fatti.

Jispjega li fil-każ partikolari kien hemm diversi diffikultajiet fejn il-minuri ma kienx ikun irid jara lil missieru u dan minkejja li kien ingħata aċċess

superviżjonat, bir-riżultat li f'aċċess superviżjonat it-tifel ma kienx jitlaq minn ħdejn ommu u missieru jibqa' jistenna għalxejn.

Jgħid li t-tifel kien jirraporta li kien hemm penetrazzjoni b'oġġett iżda dan ma rriżulta mill-ebda test mediku, iżda minkejja dan baqgħu jinvestigaw minħabba li abbuż ma jirriżultax biss b'mezzi ta' penetrazzjoni. Għalhekk jispjega li la l-ebda eżami ma kien konklussiv baqgħu b'dubju jekk dan kienx każ ta' abbuż sesswali da parti tal-missier jew inkella każ fejn l-omm qed tgħawwi lill-minuri bil-konsegwenza li t-tifel kien qed jirreżisti li jmur jara 'l missieru.

Jgħid li fil-fatt ir-rakkomandazzjoni tal-professjonisti kienet li l-ġenituri jingħataw għajnuna sabiex ikunu jistgħu jaħdmu flimkien bħala ġenituri, li normalment hija l-konklużjoni li jaslu għaliha meta l-problema hija waħda ta' disgwid bejn il-ġenituri. Jispjega li l-missier saħansitra kien sottomess għal testijiet psikoloġiki biex jiġi stabbilit għandhux tendenzi pedofeli - iżda dan ma rriżultax.

B'hekk bdew is-suspetti li kien hemm *parental alienation* da parti tal-omm li trid tifred lill-minuri minn missieru. Jispjega li l-evidenza li kellhom bdiet tipponta lejn dan il-każ u għalkemm qatt ma seta' jkollhom xejn konkret għamlu tliet snin jsegwu l-każ u filwaqt li ma setgħu jsibu xejn ħażin da parti tal-missier setgħu jsibu ħafna affarijiet dubjużi da parti tal-omm.

Jispjega li la darba *parental alienation* huwa kkunsidrat bħala abbuż fuq it-tfal, allura jaqa' fil-parametri tal-Kap 602 u *ai termini* tal-istess liġi kellhom is-setgħa li jneħħu lit-tifel minn ma' ommu.

Jgħid li biex inaqqsu t-trawma għamlu suġġeriment li t-tifel imur mal-missier li kien ser jiġi superviżjonat u saħansitra għammar id-dar bil-kameras għal dan l-iskop. Jispjega li f'każijiet ta' *parental alienation*, sabiex taqta' l-ħsara li tkun saret, il-prassi hi li tneħħi lil minuri minn ma' dak il-ġenitur u ma jkollux kuntatt għal xahar u b'hekk saret dik ir-rakkomandazzjoni lill-Qorti tal-Minorenni.

Jispjega li meta ħarġet l-ordni huma kienu ġabru lill-minuri mill-iskola u dan l-ewwel ma riedx imur għand missieru. Imbagħad ikkonvinċewh imur l-uffiċji tagħhom - iżda meta ra lil missieru dan għannqu u kien kuntent imur miegħu. Jgħid li llum is-sitwazzjoni ssetiljat u l-minuri jara lil ommu għal ħin allokat b'superviżjoni u jidher li t-tifel huwa kuntent.

Mistoqsi r-raġuni għaliex l-ordni proviżorja hija importanti, ix-xhud jispjega illi din hija mportanti fl-ewwel lok għax jekk hemm abbuż li qed jiġri ser jitwaqqaf mal-ewwel, fit-tieni lok għaliex ma jagħtix lok lill-ġenitur ikkonċernat jaħrab bil-minuri u finalment hemm ir-riskju wkoll li jekk ma taljenax il-minuri jista' jiġi *coached* mill-ġenitur dwar x'għandu jgħid.

Mistoqsi mill-Qorti jekk talba għal digriet proviżorju hux dejjem issir, jgħid li s'issa dejjem saret u dejjem intlaqgħet u dan wara li jkun instema' mill-Qorti.

Jikkonferma li fis-smigħ quddiem il-Qorti tal-Minorenni li għadu għaddej, ir-rikorrent kellha ċ-ċans tressaq il-provi tagħha u fil-fatt xehdet. Mistoqsi dwar l-inkjesti maġisterjali li kienu saru fil-konfront tal-missier jgħid li dawn ġew konklużi u qatt ma kien hemm xi konkluzjoni kontra l-missier.

Jispjega li f'dan il-każ il-Qorti tal-Minorenni tisma' l-każ għal ġranet sħaħ u ttellgħu ħafna xhieda. Jgħid li d-direttorat għalaq il-provi tiegħu f'żewġ seduti.

Ix-xhud jiddistingwi bejn ordni ta' superviżjoni u ordni urġenti, tal-aħħar tintuża meta minuri huwa f'periklu immedjat u għalhekk jittieħed b'urġenza mbagħad l-Maġistrat tal-Għassa jirratifika jew ineħħi l-istess ordni, iżda din tintuża f'każijiet eċċezzjonali meta l-periklu huwa imminenti u s-sitwazzjoni ma tippermettix l-istennija ta' tmienja u erbgħin siegħa sakemm il-Qorti tagħti digriet, kif isir f'ordni ta' superviżjoni.

Jemfasizza li d-direttorat jirrikorri quddiem il-Qrati bħala *last resort* u f'dan il-każ kien hemm diversi professjonisti involuti u l-ġenituri anke ngħataw u ħadu għajnuna. Jgħid li la r-rikorrenti u lanqas l-intimat m'huma ġenituri ħżiena u t-tnejn ifittxu t-tajjeb tal-minuri. Jispjega li d-diffikulta' f'dan il-każ kienet id-dinamika ta' bejniethom u filwaqt li l-missieri dejjem ikkopera, huwa tal-fehma li l-omm ma kkoperatx u spiċċaw anke jikkumbattu lilha stess.

Mistoqsi in kontro-eżami min illum għandu l-kura u l-kustodja tal-minuri, jgħid li b'digriet proviżorju din ġiet fdata temporanjament lil missier. Jispjega li r-rikorrenti għandha aċċess superviżjonat darba fil-ġimgħa ta' siegħa jew aktar li jiġi eżerċitat fl-uffiċju tad-direttorat tal-ħarsien tat-tfal, taħt superviżjoni tal-professjonisti u jiġi wkoll irrekordjat.

Mistoqsi għaliex rrikorra quddiem il-Qorti tal-Minorenni u mhux quddiem il-Qorti tal-Familja fi proċeduri li kienu diġà pendenti bejn il-partijiet, ix-xhud jgħid li għamel dan għax il-Kap 602 hekk jipprovdi. Jispjega li meta jsir dan, il-Qorti tal-Familja tiġi nfurmata b'li qed jiġri. Jikkonferma li fil-fatt il-Qorti tal-Familja wkoll kienet qed tagħmel l-eżerċizzju tagħha sabiex tistabilixxi l-minuri għandux ikollu relazzjoni ma' missieru.

Mistoqsi dwar ħax kunsiderazzjoni ta' ritratti fejn kienu jidhru ġrieħi fuq il-minuri, jgħid li kollox ġie kkunsidrat iżda ma kinux tal-fehma li dawn kienu ta' periklu. Jemfasizza li hu ma għamel l-ebda manuvra sabiex omm il-minuri ma tinstemax mill-Maġistrat li ħarġet id-digriet.

Jikkonferma li l-ewwel darba li nstemgħet l-omm kien f'Awwissu mentri t-tifel kien ittieħed mill-kura u l-kustodja tagħha f'Jannar.

## Ikkunsidrat Ulterjorment:

Illi mit-**<u>trattazzjonijiet</u>** magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

**Ir-rikorrenti**, fit-trattazzjoni tagħha, temfasizza li dawn il-proċeduri qed jattakkaw mhux biss id-digriet li permezz tiegħu ttieħed il-minuri mill-kustodja tagħha iżda wkoll il-liġi li tippermetti li dan isir mingħajr ma l-Qorti tisma' l-parti l-oħra, u ċjoè bbażat biss fuq il-verżjoni tal-intimat Direttur. Tirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet **General Medical Council vs. Spackman** li tindika li jekk kemm-il darba deċiżjoni tmur kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, dik id-deċiżjoni mhix waħda valida.

Issostni li anke l-mod kif ittieħed it-tifel huwa wieħed abbużiv u li jikkawża trawma. Oltre minn hekk hemm vjolazzjoni wkoll fil-fatt li lanqas il-minuri nnifsu ma nstema'.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

L-**intimat Direttur** min-naħa tiegħu jgħid li mhux minnu li r-rikorrenti ma kienet taf bl-ebda mod bl-involviment tad-Direttur u dan stante li kien hemm investigazzjoni intensiva li kien ilha diversi snin. Jemfasizza li l-azzjoni li ttieħdet kienet *a last resort* stante abbuż (parental alienation) li kien ilu għaddej snin u dan kif irriżulta minn investigazzjoni kumplessa li damet snin u wara li saru anke diversi attentati mal-ġenituri stess.

Isostni li r-rikorrenti tilmenta li mhix tinstema' malajr biżżejjed mentri fl-istess waqt talbet is-soprasessjoni tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Minorenni sakemm jiġu konklużi l-proċeduri odjerni, li hija mġieba għal kollox kontrastanti. Jikkontendi li l-Qorti tal-minorenni ċaħdet it-talba għal referenza kostituzzjonali stante l-fatt li hija fiha nfisha frivola u ma kinitx fl-interess tal-minuri.

Jispjega li x-xewqat tal-minuri qegħdin konstantament jinstemgħu billi hemm l-Avukat tat-Tfal li qiegħda f'kuntatt regolari miegħu u li tkun dejjem preżenti għas-seduti quddiem il-Qorti tal-Minorenni sabiex tirrappreżentah.

Jissottometti li l-Kap 602 jikkontempla proċedura speċjali appożita li toħloq mekkaniżmu aċċellerat għall-protezzjoni tal-minuri u f'dan ir-rigward jirreferi għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea **L vs Finland.** Isostni li din il-liġi hija għodda importanti li qiegħda tissalvagwardja mhux biss lill-minuri *de quo* iżda lil ħafna minuri oħra, iżda fl-istess ħin iżomm bilanċ mad-drittijiet tal-ġenituri li jiġu notifikati bl-azzjoni immedjatajment u jibdew jinstemgħu sa mhux aktar minn għaxart (10) ijiem wara.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Min-naħa tiegħu, l-**Avukat tal-Istat** jgħid li huwa mhuwiex il-leġittimu kontradittur stante li hemm dipartiment ieħor li jista' jwieġeb għat-talbiet.

Fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti, jgħid li din hija improponibbli stante li ma setgħetx issir talba għan-nom tal-minuri meta r-rikorrenti m'għandhiex il-kura u l-kustodja tal-istess

Fir-rigward tal-ewwel u t-tieni talba, isostni li dawn huma intempestivi stante li biex tqis hemmx smiegħ xieraq, il-Qorti trid tqis il-proċeduri fit-totalita` tagħhom u f'dan il-każ il-proċeduri għadhom mhumiex konklużi.

Fil-mertu jgħid li d-direttur intimat mexa mad-dettami tal-liġi li tipprovdi għodda importanti għall-protezzjoni tal-minuri. Isostni li għalkemm huwa minnu li l-Qorti ma semgħetx lir-rikorrenti qabel ma tat id-digriet tal-24 ta' Jannar 2023, b'danakollu hemm diversi salvagwardji fil-liġi speċjalment in vista tal-fatt li d-deċiżjoni hija waħda proviżorja u tista' tiġi mibdula f'kull stadju jekk il-Qorti tħoss li hemm raġuni għaliex dan għandu jsir. Barra minn hekk, kif jingħata l-istess digriet tiskatta

proċedura sabiex l-istess digriet jiġi kkonfermat jew le fejn ir-rikorrenti tista' tressaq il-provi kollha li jidhrilha xierqa.

Jikkontendi li din il-Qorti tista' tisma u tqis biss kwistjonijiet li jirrigwardaw l-Artikolu 33 sal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea kif kontenuta fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk ma tistax tqis talbiet taħt konvenzjonijiet oħra.

Oltre minn hekk, isostni li l-Qorti tal-Minorenni diġà kellha talba għal referenza kostituzzjonali li ġiet minnha miċħuda.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-intimati fir-risposti tagħhom.

**<u>Eċċezzjoni rigward il-leġittimu kontradittur</u>**

It-tlett intimati separatament jeċċepixxu li mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'din l-azzjoni.

L-intimat Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jeċċepixxi li ma jista' qatt ikun l-leġittimu kontradittur stante li hu mexa skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 602 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ma jistax iwieġeb jew jitqies responsabbli għat-talbiet kif dedotti.

L-intimat Avukat tal-Istat jeċċepixxi li *ai termini* tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ma jistax jitqies li hu l-leġittimu kontradittur.

L-intimat Sciberras, min-naħa tiegħu, jeċċepixxi li ma għandu l-ebda involviment fid-deċiżjonijiet meħuda mill-intimat Direttur li jidher li mexa skont id-dettami tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja li għandu kull interess f'dawn il-proċeduri stante li l-eżitu tagħhom jimpinġi fuq ibnu l-minuri.

Il-Qorti fliet it-talbiet kif dedotti mir-rikorrenti u tqis li kull wieħed mill-intimati għandu interess dirett f'dawn il-proċeduri u dana stante li la darba r-rikorrenti qiegħda direttament tattakka l-operat ta' liġi u ċjoè l-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta, allura ċertament li l-Avukat tal-Istat għandu

interess f'dawn il-proċeduri għax bħala l-Avukat tal-Gvern huwa hu li jrid jattwa l-bidla jekk kemm-il darba l-leġislazzjoni *de quo* titqies li hija leżiva tad-drittijiet fundamentali. Fl-istess waqt ċertament li kemm id-Direttur intimat u kemm l-intimat Sciberras għandhom interess dirett fl-eżitu ta' dawn il-proċeduri għax kapaċi jimpinġu direttament fuq il-minuri li fil-każ tad-Direttur ħa l-azzjoni li dehrlu fl-interess tal-minuri u fil-każ tal-intimat Sciberras għandu interess dirett f'dak li jista' jiġri minn ibnu l-minuri, anke għaliex konsegwentement għad-deċiżjoni tal-Qorti tal-minorenni attakkata, il-missier ħa l-kura u l-kustodja tal-minuri.

**Għalhekk din il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad it-tlett eċċezzjonijiet tal-intimati f'dan ir-rigward.**

## <u>Eċċezzjoni li t-tielet talba tar-rikorrenti hija improponibbli</u>

L-Avukat tal-Istat, permezz tat-tieni eċċezzjoni tiegħu jeċċepixxi li t-tielet talba rikorrenti hija improponibbli stante li qegħda tiġi allegata leżjoni tad-drittijiet fundamentali tal-minuri meta r-rikorrenti m'għandiex il-kura u l-kustodja tal-minuri u għalhekk ma tistax tirrappreżentah ġudizzjarment.

Il-Qorti fliet it-tielet talba rikorrenti u tosserva li permezz tagħha qed tintalab dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet tal-minuri. Il-Qorti tinnota li huwa minnu u anke kkonfermat mir-rikorrenti stess li r-rikorrenti m'għandhiex il-kura u l-kustodja tal-minuri u għalhekk ma jistax jingħad li hemm il-*victim status* neċessarju biex issir it-talba kif dedotta.

**Għalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet talba tar-rikorrenti.**

## <u>Eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' eżawriment tar-rimedju ordinarju u l-intempestivita tal-azzjoni</u>

Permezz tat-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet l-Avukat tal-Istat, l-istess intimat eċċepixxa li r-rikorrenti ma eżawrietx ir-rimedji ordinarji mogħtija lilha bil-liġi u għalhekk din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tistħarreġ l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti, kollox *ai termini* tal-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 u l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

L-Avukat tal-Istat jeċċepixxi wkoll kif l-azzjoni hija waħda intempestiva stante li l-proċeduri li fuqhom qed isir l-ilment tan-nuqqas tas-smigħ xieraq għadhom pendenti u għalhekk din il-Qorti ma tistax tqis l-proċeduri fit-totalità tagħhom.

L-Artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdi li:

> *"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk iddirettivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda middisposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*
>
> *Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."*

Ingħad hekk fil-każ **John Grech et vs Onor. Prim Ministru et** deċiża fid-29 ta' April 201314 u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Jannar 2014 –

> *"Illi din il-kwistjoni ġiet dibattuta diversi drabi fil-Qrati tagħna. Il-Qorti Kostituzzjonali daħlet fil-fond tagħha fis-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet "Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine" (deċiża fis-7 ta' Marzu 1994) fejn, wara li elenkat numru ta' sentenzi preċedenti, qalet fost affarijiet oħra illi:*
>
> *"Minn din ir-rassenja kemm tal-Prim' Awla u kemm ta' din il-Qorti jistgħu jitnisslu dawn il-linji ġurisprudenzjali:*
>
> *a. Meta hu ċar li hemm meżżi ordinarji disponibbli għar-rikorrenti biex ikollu rimedju għad-danni li qed jilmenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura Kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta mhumiex disponibbli;*
>
> *b. Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirriżultawlhiex raġunijiet serji gravi ta' llegalita' jew ta' ġustizzja jew żball*

*manifest ma tiddisturbax l-eżerċizzju ta' diskrezzjonalita' tal-ewwel Qorti kkonferita mill-artikolu 46 (2) talKostituzzjoni;*

*c. Kull każ għandu l-fattispeċje partikolari tiegħu;*

*d. Meta r-rikorrenti ma jkunx għamel użu minn rimedju li seta' kellu dan ma jfissirx li l-Qorti għandha tikkonsidra li ma għandhiex teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha jekk dak il-possibbli rimedju ma kienx pero' jirrimedja ħlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrenti;*

*e. Meta r-rikorrenti ma jkunx eżawrixxa r-rimedju ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa għalih l-operat ta' ħaddieħor allura ma jkunx desiderabbli illi l-Qorti tieqaf u ma tipproċedix bit-trattazzjoni tal-każ;*

*f. Meta l-ewwel Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha u tieqaf mit-trattazzjoni mingħajr ma teżamina l-materja neċessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni għandha tiġi eżerċitata, il-Qorti tat-tieni grad għandha twarrab dik id-diskrezzjoni."*

*Illi l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet "Philip Spiteri vs Sammy Meilaq" (deċiża fit- 8 ta' Marzu 1995) qalet ukoll li:*

*"Meta l-oġġett tal-kawża jkun ta' natura komplessa – u jkollu kwistjonijiet li għandhom rimedju f' xi liġi oħra, u oħrajn li ma għandhomx, rimedju ħlief Kostituzzjonali – allura għandha tipprevali din l-aħħar azzjoni". F'din is-sentenza l-Qorti osservat li jkun sewwa li mal-kelma 'komplessa' jiżdied il-kliem 'jew inkella mħallta'.*

……

*Fil-kawża fl-ismijiet "***Maria sive Marthese Attard et vs Policy Manager tal-Malta Shipyards et***" (deċiża mill-Prim' Awla, Sede Kostituzzjonali, fit-30 ta' Settembru 2010) ġie dikjarat illi:*

*"L-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fil-kuntest tal-allegat ksur tad-dritt fundamentali. Għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza dan il-ksur. Fl-istess waqt ma hemmx għalfejn li biex jitqies effettiv ikun jirriżulta li r-rimedju sejjer jagħti lir-rikorrenti suċċess garanti. Huwa*

*biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi.*

*Meta jidher li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu r-rikorrent għandu jirrikorri għal dawk il-meżżi, qabel ma jirrikorri għarrimedju Kostituzzjonali u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-meżżi jew wara li jidher li dawk il-meżżi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju Kostituzzjonali."*

*Illi f'dan is-sens wieħed jista' jsib ukoll l-insenjament fir-rigward fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "Joseph Fenech vs Awtorita' tal-Ippjanar et" deċiża fid-9 ta' Novembru 2012….*

*Illi wieħed għandu jqis li kemm l-artikolu invokat mill-intimati u kemm il-Kostituzzjoni ta' Malta ssemmi mezzi li 'kienu disponibbli' u allura anke jekk kien hemm meżżi li 'kienu' disponibbli għar-rikorrent iżda li minħabba t-trapass taż-żmien ma jkunux għadhom (disponibbli), il-Qorti tista' jekk hekk jidhrilha tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha."*

Ukoll il-każ **Sonia Zammit et vs Ministru tal-Politika Soċjali et** deċiż fis-27 ta' Frar 2006[10] b'riferenza għal aktar ġurisprudenza elenka fost oħrajn dawn il-prinċipji:

*"Meta huwa ċar li hemm mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex ikollu rimedju għad-dannu li qed jillamenta, bħala prinċipju ġenerali dawn għandhom jiġu adoperati, u r-rikors għall-organi ġudizzjarji ta' natura kostituzzjonali għandu jsir wara li l-ordinarji jiġu eżawriti jew meta ma humhiex disponibbli."*[11]

*"Hu veru li kull persuna tista' tirrikorri lill-Prim Awla għal rimedju ta' indole Kostituzzjonali, imma l-ewwel subinċiż ta' dak l-Artikolu 46 irid jigi moqri mal-proviso tat-tieni subinċiż tiegħu li jipprovdi li l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dak l-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta'*

[10] Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) Rik Nru 11/2005
[11] **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister noe** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 7 ta' Marzu 1994

*rimedju għall-ksur allegat 'huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra.'"*[12]

*"Sakemm tibqa' l-possibilita' li l-leżjoni tad-dritt fundamentali setgħet kienet jew għad tista' tiġi rettifikata bil-proċeduri u mezzi provduti bil-liġi, ikun ġeneralment il-każ li l-Qorti tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali taghha."*[13]

*"Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha poteri diskrezzjonali wiesgħa biex tiddeċiedi li ma teżerċitax il-poteri tagħha meta r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji possibbli taħt il-liġi ordinarja."*[14].

Isegwi għalhekk li l-Qorti jeħtiġilha tindaga jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern, ir-rikorrenti kellhomx a dispożizzjoni tagħhom rimedji ordinarji li kienu aċċessibbli, xierqa, effettivi u effikaċi għall-ilmenti mressqa minnhom.

Madankollu jispetta dejjem lill-Qorti d-diskrezzjoni li fil-parametri tad-dispożizzjonijiet ċitati mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni - tagħżel Hl jekk teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali tagħha jew le, u dan indipendentement mill-fatt li min iressaq l-ilment ikollu jew kellu mezzi oħra ta' rimedju ordinarju disponibbli.

Kif ingħad fil-każ **George Debono et vs Kustodju tal-Proprjetà tal-Għadu et** deċiż fil-25 ta' Mejju 2016[15]:

*"….d-dispożizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u talartikolu 4(1) tal-Konvenzjoni jitkellmu dwar diskrezzjoni, jiġifieri dwar għażla li titħalla f'idejn il-Qorti u mhux dwar impożizzjoni ta' twarrib milli twettaq xogħolha;"*

Il-Qorti tibda biex tosserva li l-Avukat tal-Istat bl-ebda mod ma indika liema hu r-rimedju ordinarju li qed jirreferi għalih. Madanakollu, l-Qorti tassumi li l-Avukat tal-Istat hawn qed jirreferi għall-possibilità li wieħed jattakka d-digriet *de quo* quddiem dik l-istess Qorti. Għalkemm dan jista' jitqies bħala rimedju sabiex iwaqqa' jew ibiddel id-digriet *de quo*, il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti f'din il-vertenza jmorru oltre minn hekk u qegħdin jattakkaw proprju l-liġi li wasslet għal dak id-digriet. Il-Qorti tqis

---

[12] **Lawrence Cuschieri vs Onor Prim Ministru** – Qorti Kostituzzjonali deċiża 6 t'April 1995
[13] **Stephen Falzon vs Reġistratur tal-Qorti et** – Qorti Ċivili Prim Awla (Sede Kostitizzjonali) deċiża 14 ta' Frar 2002
[14] **Domenico Savio Spiteri vs Chairman Planning Authority et**" – Qorti Kostituzzjonali deċiża 31 ta' Mejju 2000
[15] Rik 40/10

li ċertament ma jistax jingħata rimedju għal dan minn Qorti oħra għajr dik odjerna.

Fir-rigward tal-intempestività, il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li sabiex jiġi determinat in-nuqqas ta' smigħ xieraq il-Qorti trid tqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom, b'danakollu tqis ukoll illi t-talbiet jikkonċernaw biss u unikament il-miżuri proviżorji u għalhekk il-Qorti ma tqisx li hemm il-bżonn li l-proċediment *de quo* ikun konkluż sabiex tistabilixxi l-miżuri proviżorji humiex leżivi tad-drittijiet tar-rikorrenti jew le. Il-Qorti qed tqis ukoll illi safejn kien possibbli, kull ma sar quddiem il-Qorti tal-minorenni sakemm din il-kawża tħalliet għas-sentenza ingieb a konjizzjoni ta' din il-Qorti.

**Għalhekk, il-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad ukoll ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.**

## Kunsiderazzjonijiet fil-mertu:

Permezz tar-rikors tagħha r-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiddikjara illi d-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Minorenni fl-24 ta' Jannar 2023, moghti wara li rat biss x'kellu x'jgħid id-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal u allura mingħajr ma semgħet lilha, jikser id-drittijiet tagħha sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti ssostni ukoll illi din il-Qorti ghalhekk ghandha tasal biex tiddikjara illi l-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta (almenu l-provvedimenti relattivi) huwa leżiv ta' l-istess drittijiet taghha peress illi jagħti l-jedd lill-Qorti tal-Minorenni li tordna li l-minuri jittieħed mill-kura u l-kustodja, f'dan il-każ tal-omm, mingħajr ma nstemgħet appuntu l-istess omm.

## It-talba għal referenza kostituzzjonali

Qabel ma tibda biex tqis il-mertu, din il-Qorti tirreferi għad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Minorenni fis-17 ta' Mejju 2023 (fol 390) fejn ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal referenza kostituzzjonali.

Il-Qorti tibda' biex tirreferi ghall-prinċipju li jekk kemm-il darba ssir talba lil kwalunkwe Qorti għal referenza kostituzzjonali, u din tiġi rifjutata u dikjrata bħala frivola u vessatorja, allura l-Qorti Kostituzzjonali m'għandhiex tqis talba simili.

Issa l-Qorti tqis illi f'dan il-każ ir-raġuni għar-rifjut da parti tal-Qorti tal-Minorenni kienet li '*l-kawża odjerna ser titwal inutilment u dan ċertament mhux fl-aħjar interessi tal-minuri'*. B'hekk, għalkemm forsi implikata, din il-Qorti ma tistax tqis dak ir-rifjut bħala wieħed ibbażat fuq il-fatt li t-talba hija frivola u vessatorja u għalhekk ħa teżerċita s-setgħet kostituzzjonali tagħha u tikkunsidra u tiddeċiedi dwar il-mertu.

## L-Artikolu 6 u l-miżuri proviżorji

Huwa stat ta' fatt li d-digriet li qed isir l-ilment dwaru huwa digriet proviżorju u b'hekk din il-Qorti jeħtieġ tistabilixxi l-ewwel u qabel kollox l-applikabilità tal-Artikolu 6 *vis-a-vis* il-miżuri proviżorji u f'dan ir-rigward tosserva l-insenjament tal-Qorti Ewropea fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Micallef v Malta** deċiża fil-15 ta' Ottubru 2009, fejn il-Qorti kkonkludiet:

> *75. Preliminary proceedings, like those concerned with the grant of an interim measure such as an injunction, are not normally considered to determine civil rights and obligations and do not therefore normally fall within the protection of Article 6 (see, inter alia, Wiot v. France (dec.), no. 43722/98, 15 March 2001; APIS a.s. v. Slovakia (dec.), no. 39754/98, 13 January 2000; Verlagsgruppe News GmbH v. Austria (dec.), no. 62763/00, 16 January 2003; and Libert v. Belgium (dec.), no. 44734/98, 8 July 2004). It follows that in length-of-proceedings cases, the Court has applied Article 6 only from the initiation of the case on the merits and not from the preliminary request for such measures (see Jaffredou v. France (dec.), no. 39843/98, 15 December 1998, and Kress v. France [GC], no. 39594/98, § 90, ECHR 2001-VI). Nevertheless, in certain cases, the Court has applied Article 6 to interim proceedings, notably by reason of their being decisive for the civil rights of the applicant (see Aerts v. Belgium, 30 July 1998, Reports 1998-V, and Boca v. Belgium, no. 50615/99, ECHR 2002-IX). Moreover, it has held that an exception is to be made to the principle that Article 6 will not apply when the character of the interim decision exceptionally requires otherwise because the measure*

*requested was drastic, disposed of the main action to a considerable degree, and unless reversed on appeal would have affected the legal rights of the parties for a substantial period of time (see Markass Car Hire Ltd v. Cyprus (dec.), no. 51591/99, 23 October 2001).*

*-Ommissis-*

*78. The Court observes that there is widespread consensus among Council of Europe member States, which either implicitly or explicitly provide for the applicability of Article 6 guarantees to interim measures, including injunction proceedings (as explained in paragraph 31 above).* ***Similarly, as can be seen from its case-law (see paragraph 32 above), the European Court of Justice ("the ECJ") considers that provisional measures must be subject to the guarantees of a fair trial, particularly to the right to be heard***

*79. The exclusion of interim measures from the ambit of Article 6 has so far been justified by the fact that they do not in principle determine civil rights and obligations. However, in circumstances where many Contracting States face considerable backlogs in their overburdened justice systems leading to excessively long proceedings, a judge's decision on an injunction will often be tantamount to a decision on the merits of the claim for a substantial period of time, even permanently in exceptional cases. It follows that, frequently, interim and main proceedings decide the same "civil rights or obligations" and have the same resulting long-lasting or permanent effects.*

*80. Against this background the Court no longer finds it justified to automatically characterise injunction proceedings as not determinative of civil rights or obligations. Nor is it convinced that a defect in such proceedings would necessarily be remedied at a later stage, namely, in proceedings on the merits governed by*

*Article 6 since any prejudice suffered in the meantime may by then have become irreversible and with little realistic opportunity to redress the damage caused, except perhaps for the possibility of pecuniary compensation.*

*81. The Court thus considers that, for the above reasons, a change in the case-law is necessary. While it is in the interests of legal certainty, foreseeability and equality before the law that the Court should not depart, without good reason, from precedents laid down in previous cases, a failure by the Court to maintain a dynamic and evolutive approach would risk rendering it a bar to reform or improvement (see, mutatis mutandis, Mamatkulov and Askarov v. Turkey [GC], nos. 46827/99 and 46951/99, § 121, ECHR 2005-I, and Vilho Eskelinen and Others, cited above, § 56). It must be remembered that the Convention is designed to "guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective" (see, inter alia, Folgerø and Others v. Norway [GC], no. 15472/02, § 100, ECHR 2007-III, and Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 51, ECHR 2008).*

*82. In this light, the fact that interim decisions which also determine civil rights or obligations are not protected by Article 6 under the Convention calls for a new approach.*

***(d) The new approach***

*83. As previously noted, Article 6 in its civil "limb" applies only to proceedings determining civil rights or obligations. Not all interim measures determine such rights and obligations and the applicability of Article 6 will depend on whether certain conditions are fulfilled.*

*84. Firstly, the right at stake in both the main and the injunction proceedings should be "civil" within the autonomous meaning of that notion under Article 6 of the*

*Convention (see, inter alia, Stran Greek Refineries and Stratis Andreadis v. Greece, 9 December 1994, § 39, Series A no. 301-B; König v. Germany, 28 June 1978, §§ 89-90, Series A no. 27; Ferrazzini v. Italy [GC], no. 44759/98, §§ 24-31, ECHR 2001-VII; and Roche v. the United Kingdom [GC], no. 32555/96, § 119, ECHR 2005-X).*

*85. Secondly, **the nature of the interim measure, its object and purpose as well as its effects on the right in question should be scrutinised. Whenever an interim measure can be considered effectively to determine the civil right or obligation at stake, notwithstanding the length of time it is in force, Article 6 will be applicable**.*

*86. However, the Court accepts that in exceptional cases – where, for example, the effectiveness of the measure sought depends upon a rapid decision-making process – **it may not be possible immediately to comply with all of the requirements of Article 6. Thus, in such specific cases, while the independence and impartiality of the tribunal or the judge concerned is an indispensable and inalienable safeguard in such proceedings, other procedural safeguards may apply only to the extent compatible with the nature and purpose of the interim proceedings at issue**. In any subsequent proceedings before the Court, **it will fall to the Government to establish that, in view of the purpose of the proceedings at issue in a given case, one or more specific procedural safeguards could not be applied without unduly prejudicing the attainment of the objectives sought by the interim measure in question.***

***(e) Applicability of Article 6 in the present case***

*87. The Court notes that the substance of the right at stake in the main proceedings concerned the use by neighbours of property rights in accordance with Maltese law, and*

*therefore a right of a civil character according to both domestic law and the Court's case-law (see Ferrazzini, cited above, § 27, and Zander v. Sweden, 25 November 1993, § 27, Series A no. 279-B). The purpose of the injunction was to determine, albeit for a limited period, the same right as the one being contested in the main proceedings, and which was immediately enforceable. It follows that the injunction proceedings in the present case fulfil the criteria for Article 6 to be applicable and no reasons have been established by the Government to limit the scope of its application in any respect (see paragraph 86 above).*

*88. The Court observes that the applicant's complaint concerned appeal proceedings which ended with a judgment of 5 February 1993, at a time when the merits of the main claim had already been determined by a judgment of 6 March 1992. Consequently, the Court is aware that at the time of the contested judgment the dispute at issue had actually been resolved. However, in 1990, when the proceedings were instituted, the merits of the claim had not yet been determined, and Article 6 was, in principle, applicable as has been established above. The Court sees no reason why Article 6 should not have continued to apply to those same proceedings at a later stage. Moreover, it notes that the continuation of those proceedings was not due to any fault on the part of Mrs M. since it was Mr F. who appealed.*

*89. It follows that Article 6 is applicable to the proceedings complained of and that the Government's objection must therefore be dismissed.*

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, il-Qorti tqis li l-miżura proviżorja li għandha quddiemha taqa' fl-iskop tal-Artikolu 6 għax qegħda tiddetermina dritt ċivili għall-ammont ta' żmien li għalkemm f'dan l-istadju huwa indeterminat, sal-lum ilu iktar minn sena u għalhekk jista' jitqies żmien kunsiderevoli.

### Id-dispensa tas-smigħ tar-rikorrenti hix ġustifikata

Il-Qorti Ewropea fil-każ fuq ċitat ta' **Micallef v Malta**, taċċenna għall-fatt li jista' jkun il-każ li f'miżura proviżorja, minħabba n-natura urġenti tagħha, il-Qorti tiddispensa mir-rekwiżiti tas-smigħ xieraq, ħlief għar-rekwiżit tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikant li jrid dejjem ikun garantit.

Fil-każ odjern, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikant bl-ebda mod m'huma jiġu attakkati. Dak minnu lamentat huwa d-dispensa tas-smigħ tax-xhieda tagħha qabel ingħata d-digriet in kwistjoni li r-rikorrenti tilmenta minnu, u għalhekk din il-Qorti jeħtieġ tiddetermina jekk id-dispensa tas-smigħ tar-rikorrenti hix ġustifikata fil-ħruġ tal-miżura proviżorja in kwistjoni.

Il-Qorti tifhem li l-għan tal-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta u s-setgħat hemm mogħtija lill-Qorti tal-Minorenni u lid-Direttur intimat huma bi skop wieħed – **il-protezzjoni tal-minorenni**. Din il-Qorti semgħet ix-xhieda, partikolarment ta' Steve Libreri u qrat l-inkartament voluminuż f'din il-kawża u mingħajr ma bl-ebda mod tidħol fil-mertu, għax dak mhuwiex il-kompitu tagħha, tifhem is-serjetà tal-azzjoni in kwistjoni li tinvolvi mhux biss abbuż iżda abbuż psikoloġiku fuq minorenni.

Il-Qorti, u dan qed jingħad b'mod ġeneriku, tqis li abbuż psikoloġiku huwa serju u perikoluż daqs kwalunkwe abbuż ieħor. Abbuż psikoloġiku jista' ma jidhirx, jista' ma jkunx tanġibbli u jista' jieħu tul ta' żmien biex jiġi manifestat jew identifikat u dan it-trapass ta' żmien jista' biss ikompli jgħarraq sitwazzjoni li ġja ma tkun feliċi xejn għall-vittma.

Din il-Qorti tifhem ukoll is-serjetà f'dawn il-każijiet u tesprimi mhux biss empatija iżda ammirazzjoni lejn kull persuna involuta f'dan ix-xogħol tant delikat li jrid isir b'reqqa u fl-istess ħin b'espedjenza sabiex il-minuri nvoluti jiġu protetti kemm jista' jkun malajr – xogħolhom mhuwiex faċli u jeħtieġ jingħata mhux biss rikonoxximent iżda s-support kollu li huwa meħtieġ.

Isegwi għalhekk li din il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-każijiet li fihom isib il-qofol l-Kap 602 tal-Liġijiet ta' Malta huma ta' natura serja biżżejjed li jimmeritaw id-dispensa ta' uħud mill-garanziji tad-drittijiet sanċiti mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni,

fosthom id-dispensa tas-smigħ tal-ġenitur li minnu tkun ser tittieħed b'mod immedjat u proviżorju l-kura u l-kustodja tal-minorenni.

Dan primarjament, sabiex il-minuri stess jiġu protetti minn iktar vjolenza/abbuz fil-konfront tagħhom la darba l-ġenitur isir jaf bl-azzjoni. Ukoll, sabiex jitnaqqas ir-riskju li ġenitur jipprova jaħrab bl-istess minuri. Fit-tielet lok, sabiex il-Qorti tal-Minorenni tkun tista' mbagħad tagħmel xogħolha u tiddeċiedi dwar il-każ fis-serenità u l-paċi fil-ħsieb li l-minuri jkun protett, u hekk b'aktar trankwillità, tkun qed tipprovdi għal proċess ġust u xieraq fejn tasal biex tikkonferma jew tbiddel id-digriet provviżorju li tkun ħadet.

Oltre minn hekk, din il-Qorti tqis ukoll li minkejja d-dispensa tas-smigħ f'dak l-istadju, dak il-ġenitur li lilu jew lilha tkun, bħal f'dan il-każ, ittieħdet il-kura u kustodja ta' minorenni, jkollha d-drittijiet tagħha ben salvagwardjati anke billi jinstema' mill-Qorti kemm hemm bżonn, li jressaq il-provi li jkun jixtieq u anke li jitlob li jerġa' jiġi kkunsidrat mill-ġdid l-istess digriet.

Mill-atti jirriżulta illi l-Qorti tal-Minorenni applikat il-liġi kif inhi u ma jirriżulta ebda nuqqas ta' dik il-Qorti illi jista' jwassal sabiex jintlaqa' l-ilment mressaq mir-rikorrenti. Mill-atti, il-Qorti ma setgħet tirriskontra xejn illi jwassalha tikkonkludi illi l-Qorti tal-Minorenni tat id-digriet tagħha tat-23 ta' Jannar 2023 bi ksur ta' xi jedd fondamentali tar-rikorrenti.

**Għalhekk għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti ma ssib l-ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti kif sanċiti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, la bl-għoti tad-digriet *de quo* u lanqas bil-provvediment tal-liġi illi jirregola l-proċeduri għat-teħid ta' tali miżuri, u għalhekk ser tgħaddi biex tiċħad it-talbiet rikorrenti fl-interità tagħhom.**

## DECIDE

**GĦALDAQSTANT, għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara illi rat l-atti, fliet l-provi u semgħet it-trattazzjonijiet tad-difensuri, qed tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet preliminari kif fuq msemmi u tgħaddi biex tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet u konsegwentement tiċħad it-talbiet kollha rikorrenti**

**stante li għar-raġunijiet mogħtija, ma jirriżultax illi r-rikorrenti sofriet ksur tad-drittijiet fundamentali tagħha kif protetti mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

**L-ispejjeż kollha jitħallsu mir-rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |